# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nharit-Tlieta, il-11 ta' Marzu, 2025**

**Numru: 2**

**Rikors Numru 1163/2011/2 AF**

**Associated Supplies Limited (C-2891)**
**v.**
**Joseph Mizzi u b'digriet tat-12 ta' Novembru 2019**
**il-Qorti ordnat il-kjamat in kawża tas-soċjetà**
**Typeset Company Limited (C-17521)**

**Il-Qorti**

Din hija sentenza minn appell imressaq mill-konvenut u mill-kjamata in kawża, wara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bis-saħħa tal-Artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili kkundannat lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi danni wara li sabet illi l-konvenut, *ex-Manager* tas-soċjetà attriċi, responsabbli li kiser l-obbligazzjonijiet fiduċjarji tiegħu versu l-attriċi. Is-

sentenza titratta wkoll appell minn digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara rikors *ab omissa decisio* bis-saħħa tal-Artikolu 235 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**Sfond**

1. L-appellant, il-konvenut Joseph Mizzi, kien impjegat bħala *General Technical Manager* mas-soċjetà appellata l-attriċi Associated Supplies Limited (ASL). Għall-bidu b'kuntratt definit ta' tlett snin li ġie iffirmat fl-1 ta' Frar 1989 u sussegwentement għall-perjodu indefinit u dan permezz ta' kuntratt ta' impjieg tal-1 ta' Frar 1991. Qabel dan l-impieg Mizzi kien *Chief Draftsman* mal-Enemalta.

2. Għall-bidu tas-sena 2005 l-appellant Mizzi kiteb, għan-nom tas-soċjetà attriċi, lis-soċjetà Mitsui Engineering & Shipbuilding Co. Ltd (MES) għaliex ħaseb li setgħu jkunu interessati fil-proġett tal-estensjoni tal-Power Station ta' Delimara. Ġara iżda li MES idderiġiet il-korrispondenza li hekk irċeviet lejn il-kumpanija Daniża Burmeister & Wain Scandinavian **(BWSC)**.[1] Fl-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellata Mizzi eventwalment ingħata l-inkarigu li għan-nom tagħha jmexxi negozjati ma' **BWSC** bl-iskop li din tirbaħ *tender* għall-estensjoni tal-*Power Station* filwaqt li s-soċjetà attriċi tkun il-konsulent tagħha hawn

[1] Ara paġna 28 (l-ewwel affidavit ta' Mizzi).

Malta. Mizzi stabbilixxa korrispondenza bejn is-soċjetà attriċi u BWSC fejn fost il-korrispondenza skambjata kien hemm abbozz ta' ftehim bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà Daniża. BWSC insistew illi l-ftehim kellu jinkludi kundizzjoni li Mizzi jkun impjegat tas-soċjetà attriċi fl-implimentazzjoni tal-ftehim ta' bejniethom u li jekk Mizzi ma jibqax jaħdem ma' ASL, il-kuntratt bejn iż-żewġ kumpaniji jiġi fi tmiemu. Sussegwentement, Mizzi ġie eskluż min-negozjati bejn ASL u BWSC, negozjati li għan-nom tas-soċjetà attriċi beda jieħu ħsiebhom Joseph Rizzo. Eventwalment dawk in-negozjati ġew fi tmiemhom mingħajr ma ntlaħaq ftehim.

3. Jirriżulta illi waqt li l-konvenut Mizzi kien għal xi żmien assenti mix-xogħol minħabba li kien rikoverat id-dar wara intervent kirurġiku maġġuri, huwa kiteb ittra lill-editur tal-ġurnal *The Times,* liema ittra dehret fil-ħarġa tat-2 ta' Novembru 2005, bħala reazzjoni għall-ittra tal-*ex-Chairman* tal-Enemalta intitolata *Power Plants' Efficiency*.[2] Rizzo xejn ma kien kuntent b'dan u għan-nom ta' ASL bagħat lil Mizzi ittra datata 11 ta' Novembru 2005[3] jesprimi d-diżappunt tiegħu. Il-konvenut Mizzi irreaġixxa billi b'ittra tas-17 ta' Novembru 2005[4] informa lis-soċjetà attriċi li b'effett retroattiv, u ċjoè mis-7 ta' Ottubru 2005, għandu jiġi meqjus li huwa ittermina l-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà appellata.

---

[2] Ara paġna 44.
[3] Ara paġna 43.
[4] Ara pġana 45.

4. Sussegwentement Mizzi ħadem mas-soċjetà estera BWSC sakemm din il-kumpanija rebħet it-*tender* tal-estensjoni tal-Power Station ta' Delimara.

5. Is-soċjetà attriċi appellata tinsisti li l-aġir ta' Mizzi kien abbużiv :

"u dana billi waqt l-impjieg tieghu mas-socjetà rikorrenti u fil-qadi ta' dmirijietu mal-istess socjetà hu dawwar ghalih kuntatti u relazzjonijiet kummercjali tas-socjetà rikorrenti a pregudizzju tal-istess socjetà rikorrenti u a gwadan tieghu personali u dana bi strategija cara da parti tal-istess intimat illi fil-fazi finali meta s-socjetà rikorrenti kienet qrib illi tilhaq ftehim mas-socjetà estera BWSC, l-istess intimat immanuvra b'tali mod illi ma jsir l-ebda ftehim min-naha tas-socjetà BWSC mas-socjetà rikorrenti u wara ftit jinhatar l-istess intimat personalment bhala rapprezentant tas-socjetà estera BWSC u dan bi ksur tal-obbligazzjonijiet fiducjarji tieghu a bazi tal-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili u kif ukoll bi ksur tal-kuntratt tal-impjieg datat l-1 ta' Frar 1991".

6. Għaldaqstant is-soċjetà attriċi istitwiet il-kawża odjerna fejn talbet lill-Ewwel Qorti:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat bl-agir tieghu naqas milli josserva l-provvedimenti tal-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili fil-konfront tas-socjetà rikorrenti.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat bl-agir tieghu naqas milli josserva l-provvedimenti tal-kuntratt tal-impjieg li gie maqbul bejn is-socjetà rikorrenti u l-istess intimat fl-1 ta' Frar 1991.

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetà attrici in vista ta' tali ksur tal-obbligazzjonijiet fiducjarji konsistenti fil-beneficcji kollha miksuba mill-intimat, sew direttament sew indirettament, u dan skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 1124A(5) tal-Kodici Civili.

4. Tikkundanna lill-intimat irodd lura lis-socjetà attrici kull proprjetà flimkien ma' kull beneficcju miksub minnu, sew direttament sew indirettament, u dan skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 1124A(5) tal-Kodici Civili.

> Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju datata 24 ta' Novembru 2009 bin-numru 530/09 kontra lintimat li gie ingunt in subizzjoni."

7. Fis-7 ta' Settembru 2012 is-soċjetà attriċi talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1320/2012 kontra Mizzi għall-ammont ta' €3,300,000 in kawtela tad-danni minnha pretiżi.

8. Fit-8 ta' Mejju 2018 is-soċjetà attriċi talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 742/2018 sabiex Mizzi jiġi inibit milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* jew b'titolu oneruż jew gratuwitu l-proprjetà immobbli tiegħu kollha. Talba milqugħa, bil-mandat jinħareġ fit-23 ta' Mejju 2018. Il-kreditu hemm kawtelat huwa indikat fis-somma ta' €3,507,344.95 b'riżerva għall-imgħax u spejjeż.

9. Il-konvenut Joseph Mizzi laqa' għat-talbiet attriċi bl-eċċezzjonijiet segwenti:

> "Preliminarjament qed tigi eccepita n-nullità tar-rikors guramentat stante li ma fihiex dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f'paragrafi numerati separatament, sabiex isahhah it-talbiet tas-socjetà attrici u li fiha min ghandu r-rapprezentanza guridika taghha jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment, u dan hekk kif rikjest mill-artikolu 156(1)(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).
>
> Preliminarjament ukoll it-talbiet tas-socjetà attrici huma preskritti bis-saħħa tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Preliminarjament ukoll is-socjetà attrici ghandha tipprova li saljum tas-7 ta' Ottubru 2005 (cioè id-data tat-tmiem tal-impjieg tal-eccipjent odjern minn mas-socjetà attrici) li hija kienet proprjetarja tal-proprjetà jew

informazzjoni partikolari li skond hi giet uzata mill-eccipjent b'mod indebitu u kif ukoll li kwalunkwe tali informazzjoni kienet kunfidenzjali.

Preliminarjament ukoll is-socjetà attrici ghandha tipprova li kien appuntu minhabba uzu da parti tal-eccipjent ta’ l-imsemmija proprjetà jew informazzjoni li skond hi kienet kunfidenzjali u kienet tappartjeni lilha li s-socjetà BWSC rebhet it-Tender tal-Extension tal-Power Station ta' Delimara.

Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghas-segwenti ragunijiet, cioè:

i. Illi sal-jum tas-7 ta' Ottubru 2005 (cioè id-data tat-tmiem tal-impjieg tal-eccipjent odjern minn mas-socjetà attrici) is-socjetà attrici qatt ma kellha informazzjoni mhux maghrufa mill-pubbliku in generali fir-rigward kemm tas-socjetà BWSC kif ukoll fir-rigward tal-Tender tal-Extension tal-Power Station ta' Delimara;

ii. Illi l-eccipjent odjern ma approprja ruhu minn l-ebda proprjetà jew informazzjoni appartenenti lis-socjetà attrici kemm fir-rigward tas-socjetà BWSC kif ukoll fir-rigward tat-Tender tal-Extension tal-Power Station ta' Delimara b'mod indebitu;

iii. Illi l-eccipjent odjern ma ghamel ebda atti li jilledu d-drittijiet kuntrattwali jew mod iehor tas-socjetà attrici;

iv. Illi l-eccipjent odjern qatt ma dawwar ghalih kuntatti u relazzjonijiet kummercjali tas-socjetà attrici a pregudizzju tal-istess socjetà attrici;

v. Illi sakemm kien fl-impjieg tas-socjetà attrici, l-eccipjent odjern dejjem agixxa fl-ahjar interess ta' l-istess socjetà attrici u dejjem ezercita d-diligenza ta' bonus pater familias fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet tieghu;

vi. Illi mhux minnu li l-eccipjent volontarjament ittermina l-impjieg tieghu mas-socjetà attrici halli jibqa' ghaddej hu wahdu bir-relazzjoni kummercjali mas-socjetà estera BWSC;

vii. Illi mhux minnu li l-eccipjent odjern volontarjament ittermina l-impjieg tieghu mas-socjetà attrici halli l-eccipjent jibqa ghaddej hu wahdu bir-relazzjoni kummercjali mas-socjetà estera BWSC. L-eccipjent odjern waqaf jahdem mas-socjetà ntimata (attriċi) fit-22 ta' Settembru 2005 meta hassu hazin fuq ix-xoghol u rrizulta li hu kellu bzonn operazzjoni serja tal-qalb (li saritlu fid-9 ta' Ottubru 2005). Di fatti l-impjieg tal-eccipjent odjern mas-socjetà attrici spicca ufficjalment fis-7 ta' Ottubru 2005 meta hu gie "boarded out";
viii. Illi l-eccipjent odjern qatt ma dahal f'relazzjoni kuntrattwali mas-socjetà attrici.

L-eccipjent jiddikjara li huwa jaf bil-precitati fatti personalment.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

10. Fit-3 ta' Mejju 2013 il-konvenut ippreżenta l-eċċezzjonijiet ulterjuri segwenti:

> "1. Ir-rikors promotur tal-kawza odjerna huwa null u minghajr effetti fil-ligi stante li ma saritx d-dikjarazzjoni msemmija f'artikolu 4(1)(f) tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u lanqas ma thallset it-tariffa korretta dovuta skont l-artikolu 3(1) tat-Tariffa A tal-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.
>
> 2. L-azzjoni attrici hija ukoll preskritta u perenta a tenur tal-artikolu 2155 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta)."[5]

11. Fl-1 ta' Novembru 2016 l-Ewwel Qorti tat sentenza *in parte* li permezz tagħha ċaħdet it-tieni eċċezzjoni sollevata fir-risposta ġuramentata tal-konvenut li l-azzjoni attriċi hija preskritta bid-dekors ta' sentejn *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 kif ukoll ċaħdet it-tieni eċċezzjoni ulterjuri li l-azzjoni attriċi hi preskritta u perenta bid-dekors ta' sentejn *ai termini* tal-Artikolu 2155 tal-Kapitolu 16. Minn dik is-sentenza *in parte* ma sar ebda appell u għalhekk għaddiet in ġudikat.

12. B'digriet tat-12 ta' Novembru 2019 l-Ewwel Qorti ordnat il-kjamat in kawża tas-soċjetà **Typeset Company Limited**[6] li min-naħa tagħha ppreżentat risposta ġuramentata bl-eċċezzjonijiet segwenti:

> "Preliminarjament ir-Rikors Guramentat promotur ta' din il-kawza huwa irrimedjabilment monk u irritu u ghalhekk huwa wkoll null u minghajr effett fil-ligi stante li ma fihx dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f'paragrafi numerati separatament, sabiex isahhah it-talbiet

[5] Paġna 370.
[6] Ara paġna 811.

tas-socjetà attrici u li fiha min ghandu r-rapprezentanza guridika tal-istess socjetà attrici jiddikjara dan u kif ukoll liema fatti huwa jaf bihom personalment, u dan hekk kif rikjest mill-artikolu 156(1)(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ir-Rikors Guramentat promotur tal-kawza odjerna huwa null u minghajr effett peress illi, ben konsapevoli tal-pretensjoni attwali taghha, is-socjetà attrici ma osservatx skrupolozament il-provvedimenti tal-artikolu 3(1) tat-Tariffa A tal-Iskeda A talKodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u dawk ta' l-artikolu 4(1) (f) ta' l-istess Tariffa A u bil-ghan li ma thallas dak verament dovut mal-prezentata ta' l-istess Rikors Guramentat skond l-imsemmija tarriffa talbet biss ghall-likwidazzjoni ta' "danni sofferti". Tant huwa l-kaz li s-socjetà attrici kienet taf bl-ammont li kienet qed tippretendi jigi kannonnizzat favuriha f'din il-kawza li kontestwalment mal-prezentata tar-Rikors Guramentat promotur tal-kawza odjerna pprezentat il-Mandat ta' sekwestru bin-numru 1320/2012 (Dok. "A" anness) fis-7 ta' Settembru 2012 l-istess Giuseppe (Joseph) Rizzo (ID 0171529M) )dak iz-zmien Direttur u Chairman tas-socjeta' attrici li halef il-kontenut tar-Rikors Guramentat, BIL-GURAMENT TIEGHU indika bhala kreditu li kellu jigi issekwestrat is-somma inekwivoka ta' tlett miljun u tlett mitt elf euro (€3,300,000.00), u hemm bla misthija testwalment stqarr li tali somma "… tirraprezenta kummissjoni li saret talvolta dovuta meta gie konkluz il-ftehim li hemm riferenza ghalih fil-kawza hawn annessa u li qed jinhadem bir-rata ta' tnejn fil-mija (2%)…"!

B'mod preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, in-nullità tal-azzjoni attrici stante illi l-azzjoni attrici hija legalment insostenibbli u t-talbiet kif imposti huma konfliggenti u ma jirrizultax b'mod car liema azzjoni qed tingieb fil-konfront tas-socjetà eccipjenti; Inoltre, ma jirrizultawx l-estremi mehtiega a tenur tal-artikolu 1124A(5) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) (li m'ghandu x'taqsam xejn ma' danni) biex it-talbiet attrici hekk kif impustati jigu akkolti.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici hekk kif impustati huma irrimedjabilment monki u ghalhekk nulli u minghajr effett stante li ma jreggux fil-konfront tas-socjetà eccipjenti.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, Associated Supplies Limited (C-2891) jonqosha l-interess guridiku sabiex tipproponi l-istess kawza odjerna u tissokta biha specjalment stante li anke jekk tassew jirrizulta li kien hemm xi ksur ta' xi obbligi fiducjarji (li bl-ebda mod ma hu ammess), is-socjetà attrici qatt ma setghet tkun intitolata ghal xi beneficju kif allegat fir-Rikors Guramentat promotur ta' din il-kawza.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjetà eccipjenti ma hijiex legittimu kontradittur tas-socjetà attrici.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma preskritti u perenti a tenur tal-Artikoli 1124F.(4)(b), 2148(e), 2153, 2155(1), 2155(2), 2156(f) tal-Kodici Civili.

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjetà attrici trid ukoll tipprova li s-socjetà eccipjenti kellha u ghandha titqies bhala fiducjarja u ghalhekk li kienet marbuta b'obbligazzjonijiet fiducjarji fil-konfront tas-socjetà attrici in konnessjoni ma' dak allegat fir-Rikors Guramentat promotur ta' din il-kawza.

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjetà Typeset Company Limited hija socjetà b'personalità guridika separata minn dik tal-membri u ufficcjali taghha skond l-artikolu 4 (4) tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta) u bhala tali ma ghandhiex tkun tenuta responsabbli fil-konfront tal-pretensjonijiet attrici.

Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda anke ghas-segwenti ragunijiet, cioè:
i. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, mhux il-kaz li lkonvenuti jew min minnhom ghandhom jitqiesu bhala fiducjarji fis-sens kontemplat fil-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili u ghalhekk it-talbiet attrici ma jreggux u ghandhom jigu michuda;

ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, mhux il-kaz li l-artikolu 1124A tal-Kodici Civili jghodd ghall-kaz tal-lum, aktar u aktar fil-konfront tas-socjetà esponenti li qatt ma kienet impjegata mas-socjetà atrici u ghalhekk l-ewwel zewg talbiet attrici ma jregux u ghandhom jigu michuda;

iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, kontra dak allegat fir-Rikors Guramentat promotur ta' din il-kawza, is-socjetà attrici (recte: kjamata in kawża) qatt ma kellha u qatt ma uzat informazzjoni li ma kienitx fid-dominju pubbliku;

iv. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, mhux minnu li saru xi manuvri b'tali mod li ma ssir l-ebda ftehim minn naha tas-socjetà BWSC mas-socjetà attrici kif allegat fir-Rikors Guramentat promotur ta' din il-kawza;

v. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, mhux minnu li s-socjetà attrici kienet qrib li taghlaq ftehim mas-socjetà estera BWSC u lanqas hu minnu li s-socjetà attrici setghet tibbenefika kif allegat fir-Rikors Guramentat promotur ta' din il-kawza;

vi. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, mhux minnu li saru atti li jilledu d-drittijiet tas-socjetà attrici kif allegat fir-Rikors Guramentat promotur ta' din il-kawza.

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt. ............ "

13. L-Ewwel Qorti ppronunzjat is-**sentenza finali** fl-4 ta' Ottubru 2023 bil-mod segwenti:

> "1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sia dawk sollevati mill-konvenut kif ukoll dawk sollevati minn Typeset Company Limited (C-17521).
>
> 2. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba u tiddikjara li bl-aġir tiegħu il-konvenut naqas milli josserva l-provvedimenti tal-Artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll l-obbligi kuntrattwali minnu assunti fuq il-kuntratt t'impjieg tiegħu tal-1 ta' Frar 1991.
>
> 3. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba u waqt illi tillikwida d-danni fis-somma ta' miljun, sitt mija u seba' u disghin, sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmi (€1,697,658.25) favur is-soċjetà Associated Supplies Limited (C-2891), tordna lil Joseph Mizzi u Typeset Company Limited (C-17521) flimkien in solidum ihallsu l-ammont likwidat.
>
> 4. Tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mill-konvenut u minn Typeset Company Limited in solidum."

14. Il-konvenut Mizzi u s-soċjetà Typeset (minn issa 'l quddiem ukoll l-appellanti) ħassewhom aggravati b'dik is-sentenza u fil-31 ta' Ottubru 2023 intavolaw rikors tal-appell, li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbu lil din il-Qorti "tħassar u tirrevoka s-sentenza hawn appellata mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-4 ta' Ottubru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet premessi u minflok tipprovdi billi tiċħad it-talbiet attriċi fl-interita' tagħhom u għalhekk tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti".

15. Is-soċjetà attriċi (minn issa 'l quddiem ukoll l-appellata) ressqet ir-risposta tagħha għal dan l-appell fil-21 ta' Diċembru 2023, fejn, għar-

raġunijiet hemm mogħtija, talbet li l-appell interpost mill-konvenuti jiġi miċħud.

16. L-appell ġie appuntat għas-smigħ. Fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2025 il-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom u l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza.

**L-Appell**

**L-Ewwel Aggravju**

17. Bl-ewwel aggravju l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza kemm hi essenzjali għall-validità tal-att promotur ta' kawża l-osservanza tal-Artikolu 156 (1) (a) tal-Kapitolu 12. L-appellanti jinsistu li l-premessi u t-talbiet imressqa fir-rikors ġuramentat huma vagi tant li huma ma setgħux jifhmu x'għamlu li jimmerita li jitressqu proċeduri kontrihom. Ikomplu biex jgħidu li huwa dritt ta' konvenut li jifhem eżattament x'inhuma l-ilmenti u l-akkużi li qed jitressqu kontrih sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu kontra dawk l-allegazzjonijiet fosthom f'dan il-każ l-allegazzjoni li Mizzi dawwar għalih kuntatti u relazzjonijiet kummerċjali tas-soċjetà attriċi kif ukoll l-allegazzjoni li Mizzi aġixxa b'mod diżonest. B'referenza għall-elementi meħtieġa taħt l-Artikolu 1124A tal-Kapitolu 16 u ċjoè l-eżistenza ta' obbligu fiduċjarju, ksur tal-obbligu fiduċjarju, ness kawżali u danni, l-appellanti jgħidu li kien mill-bidunett li

qalu li mingħajr ma jkunu jafu eżattament s-sustanza fattwali ta' dawn l-elementi kollha kien impossibbli għalihom sabiex jiddefendu ruħhom. Jisħqu li s-soċjetà attriċi naqset milli tissostanzja dawn l-elementi. L-appellanti, filwaqt li japprezzaw li proċeduri ġudizzjarji ma għandhomx jinġiebu fix-xejn minħabba formaliżmu u rigorożita żejda, fl-istess ħin jilmentaw li l-appellati naqsu milli fl-att promotur jiddikjaraw "*i. Minn fejn jitnissel l-allegat obbligazzjoni fiduċjarju; ii. X'ghamel eżattament il-konvenut biex kisser dak l-allegat obbligu fiduċjarju; iii. Kif eżattament il-ksur tal-allegat obbligazzjoni fiducjarja ikkawża hsara jew irriżulta f'xi tip ta' danni; u iv. Ezattament x'danni reali ASL sofriet bl-allegat ksur da parti tal-konvenut tal-allegati obbligi fiducjarji.*"[7]

18. L-appellata tirribatti li mill-qari tar-rikors promotur jirriżulta li l-kawżali, il-premessi u t-talbiet huma ċari u kienu ċari biżżejjed tant li l-appellanti wieġbu għalihom u urew li fehmu l-bazi tal-azzjoni tal-appellata. Issottomettiet illi jekk ir-rikors ġuramentat ikun nieqes minn formalità, dak il-fatt waħdu ma jġibx in-nullità u li n-nullità għandha tiġi meqjusa mill-Qorti b'kawtela.

19. Ir-raġunament tal-Ewwel Qorti li wassal għaċ-ċaħda tat-tieni eċċezzjoni in diżamina kien dan li ġej:

> "L-Artikolu 156 tal-Kap. 12 jimponi rekwiżiti stretti u rigorużi ferm. Madanakollu, huwa prinċipju stabbilit illi fejn si tratta dwar kwistjoni ta'

[7] Paragrafu 40 tal-appell.

forma tal-att, għandha tapplika l-massima ut magis res valeat quam pereat. Fejn huwa possibbli u diment li ma tkunx qegħda tinkiser xi disposizzjoni oħra tal-liġi, l-att promotur għandu jiġi salvat. Sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tan-nullità tal-att jeħtieġ illi jikkonkorru l-elementi tal-inevitabilità tan-nullità għaliex jekk isir dan jista' jinħoloq preġudizzju gravi għall-parti mħarrka. Ferm il-premess, irid jingħad illi waqt illi l-formaliżu żejjed tal-att ġudizzjarju għandu jitnaqqas, fejn il-liġi espressament timponi ċertu formalitajiet dawn m'għandhomx jiġu mwarrba leġġerment. Fi ftit kliem allura jista' jingħad illi l-eċċezzjoni tan-nullità ta' att ġudizzjarju jeħtieġ tiġi mistħarrġa b'ċirkospezzjoni u fejn jirriżulta li l-azzjoni kif impostata ma tiksirx id-drittijiet tal-imħarrek illi jiddefendi ruħu, l-eċċezzjoni m'għandiex twaqqaf il-prosegwiment tal-kawża.

[…]

Riferibbilment għall-kaz tal-lum, il-qorti tqis l-eċċezzjoni in diżamina bħala mhux mistħoqqa. Tgħid dan għaliex nonostante l-fatt illi s-soċjetà attriċi naqset milli tħejji dikjarazzjoni kif rikjest ai termini tal-Artikolu 156(1)(a), l-azzjoni xorta waħda kienet kjararament deżumibbli mill-bqija tal-premessi u tat-talbiet tant illi sia l-konvenut kif ukoll is-soċjetà kjamata in kawża eċċepew illi ma jirriżultawx l-estremi tal-azzjoni ai termini tal-Artikolu 1124A tal-Kap 16. Tenut kont tal-modalità li biha l-konvenut u l-kjamata in kawża laqgħu għall-azzjoni attriċi, jidher illi ma ġarrbu ebda preġudizzju tali li jimmerita li r-rikors promotur jiġi dikjarat null.

It-tieni eċċezzjoni kif rispettivament sollevata mill-konvenut u mill-kjamat in kawża qegħda għalhekk tiġi michuda."

Ikkunsidrat;

**Artikolu 156 (1) (a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdi illi:

"(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –

(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment"

20. L-artikolu appena ċitat huwa aktar milli ċar li l-oġġett u r-raġuni tat-talba ġudizzjarja għandhom ikunu mfissra ċar u sewwa fir-rikors promotur. Dan ma jfissirx però li kwalunkwe nuqqas da parti tal-atturi

f''dan ir-rigward neċessarjament iwassal għan-nullità tar-rikors ġuramentat. Mod ieħor, kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti, mhux kull nuqqas f'dan ir-rigward iġib ix-xoljiment tal-proċeduri ġudizzjarji. Kollox jiddependi mill-gravità tan-nuqqas u l-effetti tiegħu fuq il-jeddijiet tal-imħarrek. Ġie diversi drabi ritenut illi sabiex azzjoni ġudizzjarja tiġi mħassra jeħtieġ li jkun hemm nuqqas tant gravi li d-difiża tal-konvenut tiġi gravament preġudikata. (ara **Aronne *sive* Ronald Laferla et v. Matthew Mifsud** - Appell Superjuri - 3 ta' Ottubru 2024; **Nazzareno Caruana et. v. Martha Debono et. noe. et.** - Appell Superjuri - 23 ta' Novembru, 2020; **Roland Darmanin Kissaun v. Global Capital Financial Management Limited** - Appell Superjuri - 29 ta' Marzu, 2019; **Joseph Schembri et. v. Saviour Attard et.** - Appell Superjuri - 31 ta' Jannar, 2014).

21. Dan ma hux xi żvilupp ġurisprudenzjali li ra l-bidu tiegħu fis-snin reċenti. Sa minn deċenni lura, il-Qrati nostrani bdew jagħtu interpretazzjoni wiesgħa lill-Artikolu 156 tal-Kap. 12. *Ad exemplum* fil-kawża **Av Dr Carlo Moore noe vs Perit Carmelo Falzon et**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'sentenza tal-15 ta' Diċembru 1955, fissret li:

> *"ġie ritenut illi l-liġi ma tirrikjediex kliem partikolari għal kif għandha ssir iċ-ċitazzjoni, biżżejjed jiftiehem xi jkun qiegħed jitlob l-attur, b'mod li l-kawżali tista' tkun espressa lakonikament, u saħansitra tista' tkun anke ndotta mid-domanda".*

22. Dan ir-raġunament kompla jiġi msaħħaħ fis-sentenza **Guido J Vella A&CE v. Dr Emanuel Cefai** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-4 ta' Novembru 1991 meta osservat li:

> *"meta f'ċitazzjoni teżisti vjolazzjoni tal-forma in kontravenzjoni tal-Artikolu 156 (1) (a), għax ma jkunx fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort' oħra ħlief billi l-att jiġi annullat".*[8]

23. Applikata l-ġurisprudenza rilevanti għall-dan l-ewwel aggravju, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura lill-Ewwel Qorti fir-raġunament tagħha. Huwa *ormai* assodat fil-ġurisprudenza nostrana l-prinċipju illi sabiex l-eċċezzjoni ta' nullità ta' rikors ġuramentat tiġi akkolta jrid jiġi muri li n-nuqqas f'tali att kien tant gravi li kkawża preġudizzju gravi u irrimedjabbli illi mingħajr il-waqfien tal-proċess ġudizzjarju l-jeddijiet tal-imħarrek jiġu irrimedjabbilment preġudikati. Mod ieħor, it-tħassir tal-att promotur ikun l-unika triq disponibbli sabiex ma jiġux miksura l-jeddijiet tal-imħarrek.

24. Mill-atti jirriżulta aktar milli evidenti illi l-ebda preġudizzju ma sofrew il-konvenuti appellanti mill-mod kif ġie redatt l-att promotur. Qari tad-difiża tagħhom ma tħalli l-ebda dubju fir-rigward u din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, ssib illi ma jirriżultawx l-estremi sabiex ir-rikors ġuramentat jiġi dikjarat null.

---

[8] Ara wkoll **Carmelo Bonnici v. Eucharistico Zammit noe**. - Qorti tal-Appell (sede Kummerċjali) - 20 ta' Jannar 1986).

25. **Ghaldaqstant tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellanti.**

**L-Aggravji dwar l-Apprezzament tal-Provi**.

26. It-tieni sal-ħames aggravju lkoll jattakkaw l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti u għalhekk ser jiġu kkunsidrati flimkien.

27. Safejn appell jattakka l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet il-qorti tal-ewwel grad, il-ġurisprudenza prevalenti fir-rigward tal-kompitu tal-qorti tat-tieni grad meta msejħa sabiex tikkonsidra din ix-xorta ta' aggravju, hija dik kif qisitha din il-Qorti fis-sentenza **Antoinette Cutajar v. Prim'Ministru et** mogħtija fl-14 ta' Diċembru, 2018:

> "7. … … … il-konvenuti jagħtu wisq enfasi lill-prassi li qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax l-apprezzament ta' fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti."[9]

[9] Ċitata b'approvazzjoni fis-sentenza **W.R. Mons. Arċ. Dr. Joseph Vella Gauci v. Carmel Vella et.** - Appell Superjuri - 6 ta' Mejju, 2024;

28. Jeħtieġ ghalhekk li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli, filwaqt li tqis l-aggravji tal- appellant. (ara **Anvil Limited v. Ta' Giorni Limited et.** – Appell Superjuri – 12 ta' Ottubru, 2023; **FS Engineering and Plastic Limited v. Branko Radojevic et.** - Appell Superjuri – 16 ta' Marzu, 2023; **L-Inġinier Nehad Khalifa u Mohamed T.A. Khalifa v. Maria Anna Scicluna** – Appell Superjuri - 4 ta' Mejju, 2022; **Maria Stella Calleja v. Brian Degorigio** – Appell Superjuri - 17 ta' Marzu, 2022

**It-Tieni Aggravju**

29. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom l-appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li Mizzi kellu obbligi fiduċjarji versu s-soċjetà appellata u li konsegwentement ikkundannathom iħallsu lill-attriċi s-somma ta' €1,697,658.25.

30. Skont l-appellanti, Artikoli 1124A u 1124B tal-Kodiċi Ċivili japplikaw biss fi kwistjonijiet ta' *Trust* meta l-fiduċjarju huwa mandatarju. Jisħqu illi ma humiex applikabbli għall-kuntratti ta' impjieg. Jirrilevaw illi Artikolu 1124B jipprovdi li jeħtieġ li jkun hemm proprjetà suġġetta għall-obbligazzjoni fiduċjarja, Isemmu li Artikolu 1124G jipprovdi li l-obbligazzjoni fiduċjarja tgħodd f'każ ta' *trust* ta' karità jew fondazzjoni b'għan. L-appellanti jinsistu li l-obbligazzjonijiet fiduċjarji hawn Malta ma jestendux għal impjegati għajr għal dawk l-impjegati li jikkwalifikaw bħala

fiduċjarji *de proprio* peress illi jeżerċtaw kontroll jew setgħa ta' dispożizzjoni fuq il-ħaġa *entro* t-termini tal-Artikolu 1124B. Ikomplu jgħidu li qatt ma jista' jiġi preżunt li impjegat huwa kolpit b'obbligi fiduċjarji versu l-prinċipal tiegħu.

31. L-appellanti għaddew sabiex ikkwotaw fit-tul mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Vascas Enterprises Ltd vs. Adrian Ellul** (Rik Nru 111/2011 MCH), sentenza mhux appellata, kif ukoll ġurisprudenza lokali oħra u estera u jinsistu illi l-appellant Mizzi ma kellu l-ebda obbligi fiduċjarji versu l-attriċi u li l-obbligi tiegħu huma riflessi fl-ewwel żewġ paragrafi tal-kuntratt tal-impjieg. Jinsistu li Mizzi qatt ma kien direttur tas-soċjetà attriċi, iżda kien General Technical Manager. L-appellanti jfissru li l-fatt li ngħata titolu ta' *Manager* ma jfissirx li huwa kolpit b'obbligi fiduċjarji. Jirreferu għall-Artikolu 57 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jiddefinixxi l-irwol ta' "Istitur" (*Manager*) u jissottomettu li miegħu jrid jinqara l-Artikolu 136A tal-Att dwar il-Kumpaniji peress li skont l-appellanti l-irwol u l-funzjonijiet tal-persuna li l-Kodiċi tal-Kummerċ jiddeskrivih bħala istutur "illum ġew kristalizzati fir-rwol ta' direttur". Jakkużaw lil Rizzo ta' ASL illi "kwalsiasi titolu li ingħata Joseph Mizzi kien *smokescreen* maħsub minn Rizzo (ASL) biex joskura l-fatt li Joseph Mizzi kien sempliċement impjegat fi ħdan il-kumpanija ASL". [10]

[10] Paragrafu 89 tal-appell.

32. Skont l-appellanti, l-artikoli applikabbli għal Mizzi huma l-Artikolu 38 u 26 tal-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg *stante* li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw l-interess tal-impjegat. Jinsistu li Mizzi la kien direttur u lanqas rappreżentant tal-kumpanija attriċi iżda impjegat u dan anke kif iddeskrivih Joseph Rizzo waqt ix-xhieda tiegħu u anke mill-ittra ta' terminazzjoni ta' impjieg, l-okkupazzjoni indikata kienet dik ta' *Technical Manager*.

33. L-appellata soċjetà attriċi tirribatti billi tfisser li l-appellanti huma skorretti fl-interpretazzjoni tagħhom tal-Artikoli 1124A u 1124B tal-Kodiċi Ċivili. Tgħid li l-appellanti qegħdin jikkontradixxu lilhom infushom meta l-ewwel jgħidu li dawk l-artikoli japplikaw biss fi kwistjonijiet ta' *trust* imbagħad f'nifs ieħor f'paragrafu 52 jgħidu li huma applikabbli għall-impjegati li jeżerċitaw kontroll jew setgħat ta' dispożizzjoni fuq il-ħaġa. Tippuntwalizza li fir-risposta ġuramentata u dik ulterjuri l-appellant Mizzi ma kkontestax li huwa kellu obbligi fiduċjarji u għalhekk ma jistax juża dan l-appell biex iressaq eċċezzjoni ġdida. Tissottometti li fi kwalunkwe każ, mill-qari tal-Artikolu 1124A jidher ċar li dan ma japplikax biss għal *trust* iżda jmur *oltre*, apparti li dan l-artikolu għandu effett retroattiv.[11]

34. Tinsisti li s-soċjetà kjamata in kawża appellanti kienet intużat bħala vejikolu sabiex jiġi kommess l-att diżonest minn Mizzi liema azzjoni taqa'

[11] L-appellata f'paġna 7 tar-risposta tgħaddi sabiex tikkwota mis-sentenza **Office Essentials Limited vs. James Veneziani et** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Mejju 2014.

taħt l-Artikolu 1124A (3) (b) u allura nħolqot obbligazzjoni fiduċjarja. Tgħid li ma jistax jiġi argumentat li l-kumpanija Typeset ma kinitx konxja tal-obbligi fiduċjarji ta' Mizzi u dan *stante* li kienet kumpanija tal-familja tal-konvenut li mbagħad saret tiegħu u bdiet tiġi amministrata minnu u ġiet użata minnu sabiex BWSC tiffirma l-ftehim.

35. L-appellata tinsisti li l-fiduċjarju Mizzi għandu obbligu li jżomm u jittratta tagħrif li rċieva b'mod kunfidenzjali u d-dmir ta' lealtà fl-amministrazzjoni, kif ukoll għandu d-dover li jħares l-interessi tal-persuna li tkun tagħtu l-inkarigu kif ukoll jeżerċita diliġenza ta' *bonus pater familias* fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet tiegħu. Iżżid illi m'għandux ikollu konflitti ta' interess u għandu jaġixxi fl-interess ta' min tah l-inkarigu u m'għandux jirċievi profitt mhux awtorizzat. L-appellata tgħid li dawn l-obbligi nkissru minn Mizzi li jwassal għall-ksur ta' obbligi fiduċjarji.

36. Tgħid li Mizzi kien impjegat bħala *General Technical Manager*, fejn fost l-inkarigi li kellu kien jassisti l-Bord tad-diretturi bl-assistenza teknika tiegħu, kellu doveri ta' *forecasting, planning, policy making, organising* u *co-ordinating* kif ukoll jinnegozja kuntratti mal-aġenti flimkien mas-superjuri tiegħu. Dawn huma doveri li jinsabu fil-kuntratt t'impjieg ta' Mizzi u huma tipikament fdati f'idejn *manager* u liema doveri jġibu magħhom l-obbligi fiduċjarji fil-konfront tal-appellata *ossia* l-prinċipal tiegħu. Jgħidu li Mizzi kellu jinnegozja mas-soċjetà estera għall-għoti tat-*tender* tal-proġett

tal-*Power Station* ta' Delimara għal prinċipal tiegħu u mhux għalih personalment kif jirriżulta li għamel. Jinsistu li Mizzi kellu sehem attiv fid-diskussjonijiet rigward it-*tender per se* u l-kummissjoni li kellha tieħu s-soċjetà attriċi jekk BWSC tirbaħ it-*tender* u dan huwa evidenti minn *email* tas-6 t'April 2005 mibgħuta minn Mizzi lil Martin Jensen. Is-soċjetà appellata tinsisti illi wieħed m'għandux ikun direttur sabiex ikun suġġett għall-obbligi fiduċjarji.

37. L-appellata tgħid ukoll li Mizzi ma kienx liberu jikser l-obbligi fiduċjarji wara li huwa ttermina l-impjieg tiegħu u dan għaliex l-istess obbligi baqgħu japplikaw b'mod perpetwu u għalhekk ma setax juża informazzjoni u kuntatti li huwa kien ottjena meta kien impjegat mas-soċjetà appellata. Tissottolinea wkoll li jirriżulta mill-atti li Mizzi kien impjegat tas-soċjetà Typeset Co Ltd ferm qabel ma ttermina l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi.

**It-Tielet Aggravju**

38. Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti jilmentaw li huma jħossuhom aggravati mill-fatt li s-sentenza appellata hi karatterizzata minn apprezzament, interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-provi. L-appellanti jgħidu li l-Qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha "abbażi ta'

shab fl-ajru, kongetturi bla bażi, fehmiet jew asserzjonijiet gratuwiti."[12] Jgħidu li l-Ewwel Qorti qieset li "Mill-provi jirriżulta illi fil-perjodu meta l-konvenut kiteb l-imsemmija ittra huwa kien għadu ma rriżenjax mill-impjieg tiegħu fi ħdan ASL. In fatti, kien biss permezz t'ittra tas-17 ta' Novembru 2005 li l-konvenut irriżenja uffiċjalment mix-xogħol." Iżda l-appellanti jinsistu li Mizzi temm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi mal-verdett tal-Bord Mediku u mhux bl-ittra li nforma lis-soċjetà bl-istess verdett u għaddew biex kwotaw mill-affidavit ta' Rizzo, direttur tas-soċjetà attriċi kif ukoll mill-ittra ta' riżenja ta' Mizzi, li juru li l-appellant Mizzi rriżenja b'effett retroattiv mis-7 t'Ottubru 2005 u dan ġie aċċettat mis-soċjetà attriċi meta lil ETC (illum Jobsplus) indikaw id-data tat-terminazzjoni tal-impjieg bħala s-7 t'Ottubru 2005.

39. Jgħidu li l-ittra miktuba minn Mizzi u ppubblikata fil-gazzetta 'The Times' ingħatat ħafna piż mill-Ewwel Qorti u qieset li biha Mizzi kien għamel xi ħaġa li mhux suppost. Jinsistu li b'dik l-ittra Mizzi ma kien qiegħed jgħid xejn dwar il-proġett t'estensjoni tal-*Power Station* ta' Delimara iżda kien qiegħed jikteb b'reazzjoni għal ittra tal-Profs Robert Ghirlando (*ex-Chairman* tal-Enemalta Corporation) intitolata *Power Plants Efficiency* u hemm kien qiegħed jesprimi biss l-opinjoni teknika tiegħu. Jinsistu li l-fatt li Mizzi kiteb din l-ittra m'għandha assolutament xejn x'taqsam mal-każ odjern u għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal

[12] Paragrafu 127 tal-appell.

għall-konklużjoni li l-ittra kienet maħsuba għal xi skop ulterjuri li ma rriżultax u ma ġiex ippruvat.

40. Jgħidu li s-soċjetà attriċi wkoll erronjament fehmet li l-artikolu kien konness mal-proġett ta' Delimara tant li fil-11 ta' Novembru 2005, Rizzo kiteb lil Mizzi jgħidlu li "*ASL has no further connection whatsoever with such a project*". Jgħaddu sabiex jirreferu għax-xhieda ta' Martin Jensen fejn ikkonferma li hu mar waħdu l-Enemalta sabiex jissottometti d-dokumenti għar-*Request for Information*. L-appellanti jgħidu wkoll li Mizzi ma ġiex kontroeżaminat fuq kif żvolġew l-affarijiet wara li Mizzi spiċċa mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà ASL.

41. L-appellanti jgħidu wkoll li l-Ewwel Qorti ppruvat timplika *mala fede* meta f'nifs tgħid illi d-dokumentazzjoni medika titkellem waħedha u f'nifs ieħor tippretendi li persuna li laħqet l-età tal-irtirar kellha tkompli taħdem mal-*ex-employer* tagħha wara l-età tal-irtirar u wara operazzjoni serja ħafna. B'referenza għall-Artikolu 532 tal-Kodiċi Ċivili, jgħidu li *mala fede* trid tiġi ppruvata u qatt preżunta. Jgħidu wkoll li l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tasal sabiex tgħid li huwa "inverosimili li kien biss b'kumbinazzjoni li l-konvenut reġa' daħal f'kuntatt ma' BWSC." Lanqas ma' tista' l-Ewwel Qorti tagħmel konsiderazzjonijiet ibbażati fuq konġetturi: "*li l-inkontru li l-konvenut kellu mal-uffiċjal ta' BWSC, kuntatt dan illi kien ġab fil-kors tal-impjieg tiegħu ma' ASL, waqt il-perjodu ta' konvalexxenza huwa ta'*

*sinifikat kbir u aktarx illi meta sabu ruħhom ras imb'ras il-konvenut u Jensen iddiskutew il-kwistjoni tat-tender u ftehmu bejniethom li jibqgħu mexjin fil-pjan tagħhom illi BWSC tapplika għat-tender bl-involviment sħiħ tal-konvenut.*" Jinsistu li ASL naqset milli ġġib prova li Mizzi kellu xi obbligazzjoni fiduċjarja u li kisirha. Jgħidu illi lanqas ħareġ mill-kontroeżamijiet magħmula lix-xhieda tal-konvenuti dak li waslet għalih l-Ewwel Qorti. Jgħidu li lanqas inġabet prova li kien hemm xi kuntratt jew xi relazzjoni kummerċjali li kienet ta' pertinenza ta' ASL li Joseph Mizzi dawwar għalih u jinsistu li qatt ma jista' jkun hemm tali prova għaliex tali kuntratt jew relazzjoni kummerċjali qatt ma eżistiet.

42. Jgħidu wkoll li l-kuntratt ta' BWSC ma kellu l-ebda valur għal ASL, għaliex ASL stess għażlet li ma tiffirmax l-*Advisory & Cooperation Agreement* li kien ġie offrut lilha minn BWSC. Jenfasizzaw li fi kliem Rizzo "l-*abbozz ma kienx aċċettabbli ghalija ghax Joe Mizzi ma kienx direttur jew rappreżentant tal-kumpanija, imma impjegat*."[13] Dan għaliex is-soċjetà BWSC riedet li Mizzi jkun involut 100% fuq dak il-proġett u nsistiet li jekk Mizzi jieqaf jaħdem ma' ASL il-kuntratt bejn ASL u BWSC jiġi fi tmiemu. Mizzi jgħid li waqt laqgħa li saret sabiex jinnegozjaw l-imsemmi ftehim, hu kien ingħata sinjal biex joħroġ mill-kamra meta waslu għall-parti delikata tan-negozjati. Jispjega li dan il-fatt ma ġiex negat mill-appellata u li juri li Rizzo qatt ma ċeda l-kontroll fuq in-negozjati bejn

---

[13] Paragrafu 167 tal-proċess.

BWSC u ASL sakemm il-potenzjal ta' relazzjoni bejn ASL u BWSC sfumat darba għal dejjem. L-appellanti jgħidu li dan jidher ukoll mid-diversi *emails* (19 ta' Ġunju 2005 u 9 ta' Lulju 2005) li ġew skambjati bejn Jensen għal BSWC u Rizzo għal ASL. L-appellanti jgħidu li l-fatt li Rizzo ma ffirmax l-Afvisory & Cooperation Agreement li kien ġie offrut minn BWSC kellu jiġi meqjus mill-Ewwel Qorti li Rizzo ma kienx aktar interessat li jasal għal ftehim ma' BWSC u li ma kienx aktar interessat li jagħmel użu mill-kuntatt li kellu mal-kumpanija estera għall-finijiet tal-proġett tal-*Power Station* ta' Delimara. Jgħidu wkoll li l-*email* mibgħuta minn Typeset fil-11 t'Ottubru 2006 la hija indirizzata lil BWSC u lanqas ma tirreferi għall-istess tip ta' makkinarju ta' *power generation* li BWSC kien offra waqt it-taħditiet ma' ASL.

43. L-appellanti jisħqu li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta qalet li ASL kienet ser tirċieivi 2% fuq *4-stroke engine* u 3% fuq *2-stroke engine* mill-kuntratt li kellu jiġi ffirmat bejn ASL u BWSC u dan għaliex Rizzo ddeċieda li ma jiffirmahx u għalhekk ASL ma kienet ser tirċievi xejn. Jinsistu li ġaladabra s-soċjetà appellata naqset milli tiffirma l-ftehim hija tilfet kull possibbiltà li tibbenefika mill-proġett tal-*power station* li sar minn BWSC.

44. Jgħidu wkoll li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta l-kelma *commission* użata minn ASL ġiet interpretata bħala senserija u ċjoè

kumpens li wieħed normalment jippretendi meta jkun wassal lil żewġ partijiet għal ftehim. Dan skont l-appellanti wassal lill-Ewwel Qorti għal żball meta qisitu bħala sensar li jkun qed jaħdem ma' *real estate agency* li jikkappara n-negozju għalih biex jieħu s-senserija fuq negozju li kien innegozja meta kien impjegat mar-*Real Estate Agency*. L-appellanti jinsistu li dan mhux il-każ għal żewġ raġunijiet "(i) kien proprju Rizzo (ASL) li kien qed jinnegozja l-kundizzjonijiet tal-*Advisory and Cooperation Agreement* direttament ma' BWSC, u (ii) Joseph Mizzi m'kienx biċċa *real estate,* kien impjegat ta' ASL."[14] Jgħidu li dan huwa anke evidenti mill-fatt li Martin Jensen fisser li l-kumpens kien intenzjonat biex ikun ħlas għall-prestazzjoni u mhux dritt minħabba li ASL tkun wasslet lil BWSC u l-Enemalta *in idem placitum concensus* biex jikkonkludi appalt.

45. L-appellata tilqa' għal dan it-tielet aggravju billi tisħaq li l-Ewwel Qorti għexet il-kawża u semgħet ix-xhieda kollha *viva voce*, għajr ta' Martin Jensen, inkluż ta' Joseph Mizzi, fejn irrimarkat fis-sentenza tagħha li huwa beda jieħu spunti waqt ix-xhieda tiegħu sabiex jattakka u jikkritika lis-soċjetà attriċi kif ukoll lil John Rizzo b'diffikultajiet personali li kien qiegħed jiffaċċja. L-appellata tgħaddi mbagħad sabiex tgħid li Mizzi ma kienx kredibbli f'dak li xehed u kif qalet sew l-Ewwel Qorti, xejn ma kien b'kumbinazzjoni li wara li temm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, Mizzi beda jaħdem ma' BWSC. Jinsistu li wara kollox dawn il-proċeduri huma

[14] Paragrafu 221 tal-appell.

ċivili, fejn il-konklużjoni li tasal għaliha l-Qorti hija fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet. Jinsistu li mill-provi prodotti dan il-livell intlaħaq, fejn intwera l-involviment ta' Mizzi fid-diskussjonijiet li kienu qed isiru ma' BWSC, ix-xogħol li laħaq sar, l-aġir ta' Mizzi fiż-żmien tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà appellata kif ukoll l-aġir tiegħu wara din it-terminazzjoni. Tgħid ukoll li l-gwadan li għamlu l-appellanti ġie ppruvat u li fit-termini tal-liġi, meta jkun hemm ksur tal-obbligi fiduċjarji, il-kundanna hija l-ħlas tal-qligħ. Tissottometti li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ordnat il-ħlas tal-ammont li qalgħu l-appellanti.

46. L-appellata tenfasizza li Mizzi uża informazzjoni li akkwista waqt li kien impjegat magħha nkluż, iżda mhux limitatament, għall-kuntatti u r-relazzjoni li huwa kellu ma' BWSC. Jgħidu li jidher fil-fatt li Mizzi kien involut fid-diskussjonijiet li kienu għaddejjin tant li kien ikkorrisponda ma' rappreżentanti tal-imsemmija soċjetà kemm-il darba fuq il-proġett tal-estensjoni tal-Power Station ta' Delimara, fejn anzi f'numru ta' korrispondenza Rizzo ma kienx ikkupjat fihom, liema aġir għandu jitqies dubbjuż. Ikomplu jgħidu li dan l-aġir ta' Mizzi kompla għal ħabta ta' Novembru 2005, fejn minkejja li kien serjament ma jiflaħx, Mizzi sab ħin jiltaqa' ma' Jensen tal-BWSC (għad insaput tas-soċjetà appellata u waqt li kien għadu impjegat mal-istess soċjetà) u jiddiskutu l-prospetti tax-xogħol tiegħu wara l-età tal-irtirar u dan kif huwa evidenti mill-affidavit ta' Mizzi stess (paragrafu 62 u 63). L-appellata taraha xi ħaġa tal-

iskantament kif *nonostante* l-qagħda mwiegħra ta' saħħtu u fil-fażi tal-irtirar mix-xogħol, Mizzi sab ħin biex jiltaqa' ma' Jensen id-dar tiegħu (ta' Mizzi) "u jindikala kif u meta kien ser ikun liberu biex jerġa jibda jaħdem. Ta' min jinnota li sa dan il-punt (f'Novembru 2005) Joseph Mizzi kien għadu impjegat tas-soċjetà attriċi għax l-ittra ta' riżenja (li mbaghad bghat b'mod retroattiv) ma kienetx għada li ntbaghtet."[15] Tgħid li mir-reazzjoni ta' Rizzo murija f'ittra mibgħuta lil Mizzi għall-ittra li ġiet ippubblikata fil-gazzetta Times of Malta fit-2 ta' Novembru 2005 minn Mizzi, jidher ċar li s-soċjetà appellata kienet tikkunsidra lil Mizzi bħala impjegat tagħha.

47. Is-soċjetà appellata tgħid li l-manuvri u l-arranġamenti tiegħu Mizzi prova jaħbihom bl-użu tas-soċjetà Typeset Co. Ltd li dak iż-żmien kienet ta' bintu (u li eventwalment saret ta' Joseph Mizzi), sabiex fl-aħħar l-arranġamenti seħħew bejn BWSC u s-soċjetà Typeset Co Ltd u l-flus li għaddew lis-soċjetà appellanta għaddew direttament lil Mizzi *tramite dividends* li ġew iddikjarati tul iż-żmien a favur tiegħu. Dan iwassal sabiex jintwera li anke s-soċjetà appellanta kienet *in mala fede*, b'hekk l-obbligi fiduċjarji ta' Mizzi estendew ukoll għaliha. L-appellata tisħaq li mix-xhieda tat-tifla ta' Joseph Mizzi, Pamela Portainer, irriżulta li s-soċjetà appellanti kienet waħda żgħira ferm u li kienet tintuża għal xogħlijiet relatati ma' *printing*, eċċ. li eventwalment fetħet branka tal-konsulenza.

[15] Paġna 16 tar-risposta tal-appell.

48. B'referenza għax-xhieda ta' Jensen, is-soċjetà appellata tgħid li ċertament ma kinux konġenturi li għamlet l-Ewwel Qorti meta waslet biex tgħid li "huwa inverosimili li l-fatti seħħew b'kumbinazzjoni". Mix-xhieda ta' Jensen jidher li BWSC ingaġġat lil Typeset Ltd proprju għaliex kien hemm Joseph Mizzi involut fiha, l-unika persuna li kienet ittihom servizz f'dik il-kumpanija.

49. Mizzi ma jistax jgħid li l-kuntatt ma' BWSC ma ġabux mill-kors tal-impjieg mas-soċjetà appellata meta rriżulta li BWSC kienet f'kuntatt mas-soċjetà appellata għal diversi xhur (*tramite* Mizzi wkoll) tant illi kienet diġà qiegħda taħdem fuq dan il-proġett.

50. B'referenza għal dak li ngħad li l-*Advisory & Cooperation Agreement* ma ġiex iffirmat mill-appellata, l-appellata tgħid li dan ma sarx għaliex għal raġunijiet magħrufa biss minn BWSC, riedet bilfors issemmi lil Joseph Mizzi fl-istess ftehim bħala persuna li ser tkun responsabbli tal-proġett u li f'każ li Mizzi jitlaq minn mal-appellata dan il-ftehim jiġi terminat. Tfisser li dan ma kienx aċċettabbli għal Rizzo. Tkompli tispjega li dan però "ma tax jedd jew *carte blanche* lil appellant Mizzi biex jara kif jaghmel biex jittermina l-impjieg tieghu minn mal-appellata fuq pretensjoni li kien gie *boarded out* (u ghalhekk ukoll suppost mhux f'siktu biex jahdem) biex mbaghad kompla huwa stess bir-relazzjoni ma' BWSC tramite kumpanija li l-esperjeza taghha kienet li tippubblika l-inviti ghall-okkazzjonijiet

speċjali!"[16] Tgħid ukoll li dan lanqas m'għandu jinftiehem li l-appellant Mizzi ma kienx fiduċjarju tagħha.

**Ir-Raba' Aggravju**

51. Taħt ir-raba' aggravju l-appellanti jinsistu li l-Ewwel Qorti ma evalwatx sewwa l-provi u dan għaliex ASL naqset milli tipprova n-ness bejn il-ħsara li allegatament ġarrbet u xi nuqqas jew aġir tal-konvenuti. Jinsistu li l-informazzjoni li Mizzi kellu ma kienx ġabha billi seraqha m'għand is-soċjetà appellata iżda kienet informazzjoni u kuntatti li huwa kien kiseb mis-snin jaħdem mas-soċjetà Enemalta u kapaċitajiet tekniċi li akkwista bl-istudji tiegħu.

52. Taħt dan l-aggravju l-appellanti jirreferu għal dak li l-Ewwel Qorti qalet dwar is-soċjetà ASL li kienet ħadet proġetti oħra tant li kienet hi stess li bniet il-*Power Station* tal-Marsa. L-appellanti jinsistu li l-Ewwel Qorti kienet skorretta u dan għaliex ma kinitx is-soċjetà ASL li bniet l-*Power Station* tal-Marsa iżda kumpanija oħra ta' Rizzo u l-bini ma kienx tal-inġinerija bħal dik tal-estensjoni tad-Delimara iżda kienet ta' kostruzzjoni ċjoè struttura tal-ġebel, apparti li l-kelma użata mill-Ewwel Qorti, ossia "proġetti" lanqas ma hi korretta għaliex m'hemmx allegazzjoni waħda fl-atti proċesswali illi ASL kienet ħadet proġetti oħra relatati mal-*generator sets* li jiġġeneraw id-dawl kollu għal Malta u Għawdex.

[16] Paġna 22 tar-risposta tal-appell.

53. L-appellanti jkomplu li ASL ma setgħet tagħmel xejn bil-kuntatt li kellha ma' BWSC mingħajr l-għarfien tekniku ta' Mizzi u għalhekk dak il-kuntatt ma kien ser ikollu ebda valur għas-soċjetà appellata li qabel ġie ingaġġat Mizzi magħha kienet tbiegħ il-kmamar tal-banju. Jinsistu li l-Ewwel Qorti naqset tifhem li ASL qatt ma kellha l-kapaċità teknika, l-għarfien tekniku sabiex waħedha mingħajr l-involviment ta' Mizzi twettaq il-prestazzjoni li BWSC xtaqet takkwista.

54. Jinsistu li bis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ordnat lill-konvenuti "*jroddu lil ASL kull sold li haddmu ghalihom bil-hila u kapaċità u gharfien tekniku ta' Joseph Mizzi. Mhux hekk biss, talli bl-aktar mod inkredibbli l-Ewwel Qorti ordnat lill-konvenuti sabiex jhallsu lil ASL in solidum is-somma stronomika ta' [...] (€1,697,658.25) mingħajr ma hadet kont tal-fatt illi fuq l-introju mill-progett il-konvenuti gja hallsu s-somma ta' [...](€594,180.39) [...] bhala t-taxxa fuq id-dhul mill-progett*"[17]. Jgħidu li l-Ewwel Qorti, apparti li ma kellha qatt tordna l-ħlas ta' dak l-ammont, ladarba waslet għal dik il-konklużjoni kellha tnaqqas it-taxxa fuq id-dħul imħallsa mis-soċjetà Typeset. Mhux hekk biss, talli l-Ewwel Qorti naqset milli timmotiva għalfejn il-kjamata in kawża kellha tiġi kundannata tħallas lil ASL is-somma imsemmija meta qatt ma kkuntrattat ma' ASL u lanqas ma kellha f'idejha xi proprjetà ta' ASL, apparti li naqset tispjega kif u

[17] Paragrafu 287 tal-appell.

għalfejn Joseph Mizzi kien marbut b'obbligi fiduċjarji fil-konfront tas-soċjetà attriċi.

55. L-appellata tirribatti dan l-aggravju billi tgħid li l-appellanti ma fehmux li danni reklamati huma danni *ai termini* tal-Artikolu 1124A (5) u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta eżaminat jekk ġiex stabbilit li l-appellanti huma fiduċjarji tal-appellata u jekk iva, jekk kienx hemm ksur tal-obbligi u konsegwentement ir-rimedju li jintraddu lura kwalunkwe benefiċċju li sar b'konsegwenza ta' dak il-ksur. Dwar dak li ngħad mill-appellanti li s-soċjetà appellata ibbenefikat mill-għarfien tekniku ta' Mizzi, is-soċjetà appellata tirribatti li Mizzi kien impjegat tagħha u l-interess tiegħu kellu jkun illi l-għarfien tekniku tiegħu kellu jattwahom fl-interess tal-appellata, iżda minflok huwa mmanuvra dan kollu wara dahar l-appellata bi ksur tal-obbligi fiduċjarji tiegħu, obbligi perpetwi. L-appellata tgħid illi xejn mhu minnu li fis-sentenza appellata ma ngħatatx motivazzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-kjamata in kawża. Rigwardanti t-taxxa mħallsa mill-appellanti, l-appellata tgħid li l-appellanti kellhom iġibu prova dwar kemm effettivament tħallset taxxa fuq il-*commission*.

**Il-Ħames Aggravju**

56. Permezz tal-ħames aggravju tagħhom l-appellanti jitilqu mill-premessa li min jallega jrid jipprova fejn f'dan il-każ l-oneru tal-prova taqa' fuq is-soċjetà ASL. Kienet is-soċjetà ASL li kellha tipprova li l-konvenut

Mizzi kellu obbligi fiduċjarji favur tagħha. Fin-nuqqas ta' din il-provi jgħidu li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha fuq konġetturi u mhux provi ċari ta' *mala fede*. Anke jekk r-relazzjoni ta' Mizzi ma' ASL kienet kolpita bl-obbligi fiduċjarji, ASL naqset milli tipprova b'mod ċar u inekwivoku li ASL kellha l-kapaċità u li Mizzi dawwar dik il-kapaċità għall-benefiċċju tiegħu jew ta' ħaddieħor. Lanqas ma ġie ppruvat li Mizzi kiser l-obbligu ta' sigriet impost fuqu fil-kuntratt tal-impjieg.

57. Dawn l-aħħar erba' aggravji sejrin jiġu trattati flimkien għaliex huma interkonnessi u kollha jattakkaw l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. L-aspett primarju ta' dan l-appell jirrigwarda jekk il-konvenut Mizzi kellux obbligi fiduċjarji versu s-soċjetà attrici.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

58. Kif rajna aktar qabel, l-appellanti f'nifs jippremettu li l-obbligazzjonijiet fiduċjarji ma japplikawx għall-kuntratti ta' impjieg; filwaqt li f'nifs ieħor jgħidu li l-artikolu tal-liġi tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji japplikaw għal dawk l-impjegati li jikkwalifikaw bħala fiduċjarji *de proprio* peress illi jeżerċitaw kontroll jew setgħa ta' dispożizzjoni fuq il-ħaġa *entro* t-termini tal-Artikolu 1124B tal-Kodiċi Ċivili.

59. Din il-Qorti tibda bil-kunsiderazzjoni illi sabiex azzjoni ta' din ix-xorta, msejsa fuq pretensjoni ta' ksur ta' obbligazzjoni fiduċjarji kontemplati f'Artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili, tista' titressaq irid jirriżulta qabel xejn li *fattispecie* tal-każ li minnhom twieldet l-azzjoni attriċi seħħew meta l-artikoli tal-liġi rilevanti dwar l-obbligi fiduċjarji kienu ġia fis-seħħ. (ara **L-Avukat Tony De Gaetano et. v. Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali noe. -** Qorti tal-Appell - 25 ta' Jannar, 2023).

60. L-obbligi fiduċjarji ġew regolati għall-ewwel darba taħt il-Kodiċi Ċivili bl-introduzzjoni tal-**Artikoli 1124A u 1124B** li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2005 permezz tal-Att XIII tal-2004. B'Att numru XXXVI tal-2018 ġew emendati Artikolu 1124A u Artikolu 1124B u miżjuda **Artikoli 1124Ċ sa 1124J.**

61. **Artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili**, <u>qabel</u> ġie emendat bis-saħħa tal-Att XXXVI tal-2018, kien jaqra kif isegwi:

> "(1) Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu bis-saħħa tal-liġi, kuntratt, kważi kuntratt, trust, assunzjoni ta' kariga jew imġieba fejn persuna (il-"fiduċjarju") –
>
> (a) ikollha d-dmir li tħares l-interessi ta' persuna oħra, jew
>
> (b) iżżomm, teżerċita kontroll jew jkollha setgħat ta' disponiment fuq proprjeta' għall-benefiċċju ta' persuna oħra, inkluż meta din tkun vestita bħala sid ta' dik il-proprjeta' għal dan l-għan, jew
>
> (ċ) tirċievi tagħrif mingħand persuna oħra marbuta bid-dmir tal-konfidenzjalità u dik il-persuna tkun taf, jew fiċ-ċirkostanzi kollha b'mod raġonevoli għandha tkun taf, li l-użu ta' dak it-tagħrif huwa intiż li jkun ristrett.

(2) Persuna li tkun delegata xi funzjoni minn fiduċjarju u tkun taf, jew miċ-ċirkostanzi għandha tkun taf bl-obbligazzjonijiet fiduċjarji għandha wkoll titqies li hi soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji.

(3) Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu minn imġieba meta persuna –

(a) mingħajr ma jkollha dritt, tieħu u tagħmel użu minn proprjetà jew tagħrif li jkunu ta' ħaddieħor, sew għall-benefiċċju tagħha jew xort'oħra;

Jew

(b) meta tkun terza persuna, taġixxi meta tkun taf, jew meta tkun raġonevolment mistennija li tkun taf, miċ-ċirkostanzi, bil-ksur ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji mill-fiduċjarju, u tirċievi jew xort'oħra takkwista proprjetà jew tagħmel qligħ ieħor mill-għemil jew permezz tal-għemil tal-fiduċjarju.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-dmir ta' fiduċjarju li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu bl-ikbar bona fide u li jaġixxi b'mod onest fil-każijiet kollha, fiduċjarju jkun marbut, bla ħsara għad-dispożizzjoni espressa ta' liġi jew kondizzjonijiet espressi ta' xi kuntratt bil-miktub li jeskludi jew jimmodifika dak id-dmir, skont il-każ –

(a) li jeżerċita d-diliġenza ta' *bonus pater familias* fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji tiegħu;

(b) li jevita kull konflitt ta' interess;

(ċ) li ma jirċevix xi profitt mhux dikjarat jew mhux awtorizzat mill-kariga jew funzjonijiet tiegħu;

(d) li jaġixxi b'mod imparzjali meta d-dmirijiet ta' fiduċjarju jkunu lejn iktar minn persuna waħda;

(e) li jżomm kull proprjetà li tista' tkun akkwistata jew miżmuma bħala benefiċjarju, segregata mill-proprjetà personali tiegħu u minn dik ta' persuna oħra li favur tagħhom jista' jkollu obbligazzjonijiet simili;

(f) li jżomm records xierqa bil-miktub tal-interess tal-persuna li favur tagħha jkunu obbligati l-obbligazzjonijiet fiduċjarji;

(g) li jagħti kont dwar il-proprjetà soġġetta għal dawk l-obbligazzjonijiet fiduċjarji;

(h) li jirritorna fuq talba li ssirlu kull proprjetà miżmuma taħt obbligazzjonijiet fiduċjarji lill-persuna li leġittimament ikollha jedd għaliha jew kif ordnat minnha jew kif xort'oħra meħtieġa mil-liġi applikabbli.

(5) B'żieda ma' kull rimedju ieħor skont il-liġi, persuna soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji li tikser dawk l-obbligazzjonijiet tkun marbuta li

trodd lura kull proprjetà flimkien mal-benefiċċji l-oħra kollha miksuba minnha, sew direttament sew indirettament, lil min ikun dovut id-dmir.

(6) L-obbligu li tingħata lura proprjetà miksuba minn ksur ta'dmir fiduċjarju għandu japplika wkoll għall-proprjetà kollha li fiha il-proprjetà oriġinali kienet konvertita jew li biha kienet sostitwita.

62. "Fiducjarju ghandu l-obbligu li jzomm u jittratta taghrif li jircievi b`mod kunfidenzjali. Ghandu d-dmir ta` lealta` fl-amministrazzjoni. Ghandu d-dover li jhares l-interessi tal-persuna li tkun tatu l-inkariku. Ghandu jiehu hsieb b`onesta` u b`kontabilita` l-affarijiet ta` min ikun tah l-inkariku. Ghandu jezercita d-diligenza ta` *bonus pater familias* fit-twettieq ta` l-obbligazzjonijiet tieghu. M`ghandux ikollu konflitti ta` interess, ghandu dejjem jagixxi fl-interess ta` min tah l-inkariku u m`ghandux jircievi profitt mhux awtorizzat." (ara **Carmen Xuereb v. l-Avukat Anton Micallef** - Prim'Awla - 12 ta' Diċembru 2013).

63. Hu dover primarju ta' kull impjegat li jeżegwixxi d-doveri tiegħu b'diliġenza. Tali dover jaqa' taħt il-prinċipju ġenerali stabbilit fl-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Ċivili għall-eżekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni. Naturalment, dejjem b'dak l-adattament neċessarju dettat min-natura tal-kuntratt partikolari. F'kuntratt ta' impieg l-interess ta' min iħaddem jimponi li l-prestazzjonijiet tal-impjegati tiegħu jkunu korrelati ma' dawk tal-esiġenzi organizzattivi partikulari tal-kumpanija li fih ir-rapport tax-xogħol jinserixxi ruhu. Hu proprju dan l-istess interess li jservi biex jippuntwalizza l-parametri tad-diliġenza mistennija mill-impjegat. (ara **Godwin Vassallo v. Vittoriosa Gaming Limited** - Appell Inferjuri - 28 ta' Marzu 2008).

64. Fil-prattika, jekk jirriżultax li hemm vjolazzjoni ta' dover ta' fedeltà jew dover fiduċjarju hi kwistjoni ta' fatt li tiddependi mill-*fattispecie* partikolari ta' kull kaz tenut kont b'mod partikolari għall-kondizzjonijiet li jirregolaw ir-relazzjoni kontrattwali bejn l-impjegat u l-prinċipal. L-obbligu fiduċjarju m'għandux jiġi konfuż mal-obbligu ta' fedeltà tal-impjegat. L-obbligu ta' fedeltà jista' jkun espress fost l-obbligi stipulati fil-kuntratt ta' impjieg; u jekk le jiġi meqjuż li huwa nkluż impliċitament. Dan għaliex il-kuntratti kollha ta' impjieg għandhom kundizzjoni impliċita illi l-impjegat iservi lill-prinċipal tiegħu bil-*bona fide* u b'fedeltà. B'dan illi matul l-impieg l-impjegat għandu d-dover li jaġixxi fl-interess tal-prinċipal tiegħu u mhux li juża l-ħin li għalih huwa mħallas sabiex javvanza l-interessi personali tiegħu. (ara **Vascas Enterprises Limited vs Adrian Ellul -** Prim'Awla - 13 ta' Novembru, 2014 (mhux appellata). Inżamm fil-kawża fl-ismijiet **Office Essentials Ltd vs. James Veneziane et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Mejju 2014 illi Artikolu 1124A japplika wkoll għal *salesman* u *clerk* :

> "Din il-Qorti tosserva illi ghalkemm l-intimati, bhala 'salesman' u 'clerk' ma kellhomx in-nomenklatura ta' "manager", johrog car mill-provi prodotti illi l-intimati kienu involuti direttament fil-'management' tas-socjeta rikorrenti u ma kienux semplici impjegati taghha peress illi t-tnejn li huma kienu a korrent ta' informazzjoni sensittiva tas-socjeta rikorrenti, inkluz minn kienu l-klijenti tas-socjeta rikorrenti, min kienu l-principali taghha u l-prezzijiet illi s-socjeta rikorrenti kienet tesigi bhala profitt.
>
> Dana il-fatt johrog car mill-fatt illi, ftit jiem wara illi telqu minn mas-socjeta rikorrenti, huma kienu gew impjegati ma' socjeta ohra, kompetitrici diretta tas-socjeta rikorrenti, u l-intimati t-tnejn kienu f'kuntatt ma' klijenti u

> principali tas-socjeta rikorrenti bil-ghan illi dawna jibdew juzaw is-servizzi tal-kumpannijia li maghha issa bdew jahdmu.
>
> [...]
>
> Ghalhekk, jirrizulta ben ippruvat illi l-intimati, minghajr ma kellhom dritt, hadu u ghamlu uzu minn taghrif illi kellha s-socjeta rikorrenti ghal beneficcju taghhom u tas-socjeta Office Point Limited, illi maghha huma bdew jahdmu, u ghalhekk naqsu mill-obbligazzjoni fiducarja illi huma kellhom lejn is-socjeta rikorrenti"

65. Relevanti wkoll is-sentenza **Marthese Abela v. Nicola Winter** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju 2020 fejn il-konvenuta kellha rwol ta' *manager* u kellha d-dmir li tiżgura li d-dħul tal-ġurnata jiġi depożitat fil-kont bankarju tal-attriċi. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel grad u kkonkludiet li l-konvenuta, *qua Manager*, kienet marbuta b'obbligi fiduċjarji:

> "19. Illi l-Qorti tqis li, lil hinn mis-sura ta' azzjoni ta' radd lura ta' indebitu li biha l-appellata ressqet din il-kawża, l-obbligazzjonijiet fiduċjarji jitnisslu fost oħrajn mill-assunzjoni ta' kariga, u allura kienu jaqgħu fuq l-appellanti dmirijiet li l-istess liġi tippreskrivi [Art. 1124A(4) tal-Kap 16], fosthom u mhux l-anqas dak li twettaq dmirijietha bl-akbar bona fide u li teżerċita l-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja. Din ir-rabta fiduċjarja tnisslet bil-fatt innifsu tar-responsabbiltajiet li l-appellanti ħadet fuqha fuq medda ta' snin [Ara App. Ċiv. **28.3.2014** fil-kawża fl-ismijiet **Mario Lapira vs Alexander Friġġieri pro et noe** dwar il-qafas ta' att fiduċjarju kif maħsub fl-art. 1124A tal-Kap 16]. Dan jgħodd ukoll jekk dik il-persuna tkun f'impjieg f'kariga maniġerjali [App. Ċiv. **28.2.2014** fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Caruana & Sons Ltd. vs Christopher Caruana**];
>
> 20. Illi l-effett ta' xi nuqqas fit-twettieq ta' xi dmir bħal dak iwassal lill-persuna li tkun marbuta b'rabta fiduċjarja bħal dik li tagħmel tajjeb lill-persuna li tkun hekk fdatha, u dan bla ħsara għal kull rimedju ieħor skont il-liġi [Art. 1124A(5) tal-Kap 16]."

66. Fis-sentenza **Anthony Caruana and Sons Limited v. Christopher Caruana** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 2014,

il-Qorti rreferiet ghan-noti dwar il-Kodiċi tal-Kummerċ tal-kompjant il-**Professur Joseph A. Micallef,** b'mod partikolari dwar id-dmirijiet ta' *Manager*:

> "The office of manager from the legal point of view embraces both the concept of agency and the contract of trust which arises between the manager and his principal and he must, personally perform the duties which go with this office ... The manager is an agent of the principal. He acts on his behalf and in his name. But he also administers the affairs of the principal and is in charge of the business or a branch of business of the principal in one or more fixed places. He is therefore the mandatory of the principal and the main function of his office is to increase the prosperity of the principal. He is therefore also the lessor of work and industry. These characteristics have been referred to by the Commercial Court, Judge Profs. Parnis presiding, in the case Zammit vs Galea et decided on the 5th March 1907. The manager is therefore in relation to his principal an administrator, namely a mandatory and a lessor of work while in relation to third parties he is the representative that binds the principal and therefore is his agent."

67. Fis-sentenza **Alliance Yachting Co Ltd vs Matthew Gusman** mogħtija mill-Prim'Awla fl-14 ta' Ottubru 2021 saret referenza għas-sentenza **Vascas Enterprises Ltd vs Adrian Ellul**, mogħtija kif ġia rajna mill-istess Qorti, u għaddiet sabiex għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fis-sentenza appena citata [b'referenza għal **Vascas Enterprises Ltd vs Adrian Ellul**] gie spjegat ukoll illi impjegati ta' certu livell jistghu ikunu suggetti ghal doveri fiducjarji, izda ma jistghux jitpoggew fl-istess keffa ta' diretturi u l-obbligi fiducjarji imposti fuqhom. Nonostante dan, skont il-gurisprudenza, manager huwa fiducjarju tal-principal tieghu u ghandu dmir li jhares l-obbligi fiducjarji skont ma jipprovdi l-artikolu 1124A tal-Kodici Civili. [Ara per ezempju: **Anthony Caruana & Sons Limited vs Christopher Caruana** (App 28/02/2014); **Dhalia Real Estate Services Limited vs Gordon Attard** (PA 15/12/2020)]"

68. Sabiex ikun hemm ksur ta' obbligi fiduċjarji, jeħtieġ li l-benefiċjarju jkun ħalla xi ħaġa f'idejn il-fiduċjarju u li dan ikun użaha kontra l-interessi tal-benefiċjarju. Artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili ma jillimitax it-tħaddim tiegħu, la għal relazzjoni ta' impjieg, jew għal min ikollu fil-pussess tiegħu informazzjoni kunfidenzjali u lanqas għal min ikollu xi ġid ta' ħaddieħor. Naturalment xorta waħda l-oneru tal-prova jaqa' fuq min ikun qiegħed jallega l-ksur ta' obbligu fiduċjarju fit-termini tal-Artikolu 1124A tal-Kap. 16. (ara **Maria Dolores Mallia et. v. David Bondin et.** - Qorti tal-Appell - 23 ta' Mejju, 2024).

69. Il-**Professur Andrew Muscat,** fix-xogħol monumentali tiegħu **Principles of Maltese Company Law,** jikteb li:

> "A fiduciary has a fundamental duty to carry out his obligations with utmost good faith and to act honestly in all cases. This duty of good faith and honesty cannot be excluded by contrary agreement. Apart from this general duty, fiduciaries are also subject to a number of specific duties which can be modified or excluded either by express provision of the law or by the express terms of an instrument in writing. These specific duties can be divided into three categories: duties of loyalty, duties of care and administrative duties. The duties of loyalty comprise (a) the duty to avoid any conflict of interest; (b) the duty not to receive undisclosed or unauthorized profit from his position or functions; (c) the duty to act impartially when the fiduciary duties are owed to more than one person; and (d) the duty to return on demand any property held under fiduciary obligations to the person lawfully entitled thereto or as instructed by him or as otherwise required by applicable law. The fiduciary`s duty of care is expressed as the duty "to exercise the diligence of a bonus paterfamilias in the performance of his obligations." On the administrative side, the fiduciary is obliged (a) to keep any property as may be acquired or held as a fiduciary segregated from his personal property and that of other persons towards whom he may have similar obligations; (b) to maintain suitable records in writing of the interest of the person to whom such fiduciary obligations are owed; and (c) to render account in relation to the property subject to such fiduciary obligations.

> A fiduciary who acts in breach of his fiduciary obligations, is in addition to any other remedy that may be available at law, bound to return any property together with all other benefits derived by him, whether directly or indirectly, to the person to whom the duty is owed. The obligation to return property derived from a breach of a fiduciary duty shall apply also to all property into which the original property has been converted or for which it has been substituted."

70. Inżamm illi l-kariga ta' *General Manager* timponi doveri u obbligazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-obbligazzjonijiet kontrattwali bejn il-*general manger* u l-prinċipal tiegħu. Il-*manager*, allavolja normalment m'għandux responsabbiltà ta' *policy making*, huwa fiduċjarju tal-prinċipal tiegħu u għandu dejjem jaġixxi *in bona fede* u b'lealtà. (Ara. **Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana** - Qorti tal-Appell - 28 ta' Frar, 2014).

71. Relazzjoni fiduċjarja, min-natura intrinsika tagħha, ma hix relazzjoni ordinarja imma għandha karattru straordinarju.

72. Skont in-natura tal-attività involuta, fiduċjarju jista' jkun f'pożizzjoni fiduċjarja in relazzjoni ma' parti mill-attività tiegħu fi ħdan l-intrapriża; iżda mhux f'pożizzjoni fiduċjarja in relazzjoni ma' partijiet oħra tal-attività. Kollox jiddependi mill-*fattispecie* partikolari tal-każ.

73. Dak li jiddistingwi l-karattru ta' obbligazzjoni fiduċjarja minn obbligazzjonijiet oħra huwa l-obbligu tal-lealtà impost fuq il-fiduċjarju. Mod ieħor, f'relazzjoni fiduċjarja, l-fiduċjarju ma hux liberu illi, direttament

jew indirettament, ifittex l-interessi personali fil-ħidma tiegħu milquta bl-obbligazzjoni fiduċjarja. Kif inżamm mill-Qorti Ingliż fil-kawża ***Mothew's case [1998]*** *Ch 1, 18: "The principal is entitled to the single-minded loyalty of his fiduciary."*

74. Minn dan jinstiltu żewġ regoli imfissra minn **Lord Neuberger of Abbotsbury** (President tal-UK Supreme Court) fil-kawża ***FHR European Ventures llp case [2015]*** **[18]** bħala "no conflict rule" u "no profit rule". F'dik is-sentenza kompla jelabora:

> *"an agent owes a fiduciary duty to his principal because he is 'someone who has undertaken to act for or on behalf of [his principal] in a particular matter in circumstances which give rise to a relationship of trust and confidence'. Secondly, as a result, an agent 'must not make a profit out of his trust' and 'must not place himself in a position in which his duty and his interest may conflict'"-*

75. Rilevanti dak li nżamm mill-Qorti tal-Kummerċ fl-Ingilterra fis-sentenza ***Recovery Partners GP Ltd v Rukhadze*** **[2018][19]** fejn ikkunsidrat illi:

> *"…. the authorities indicate clearly that* ***a fiduciary may be in breach by diverting an opportunity even if it is unlikely that the principal will be able to secure that opportunity****: see for example Canadian Aero Service Ltd v O'Malley (1973) 40 DLR (3d) 371, 383–384, Bhullar's case, p 723D and most clearly perhaps Industrial Development Consultants Ltd v Cooley [1972] 1 WLR 443, where the chances of the principal securing the opportunity were found to be no better than 10%*
>
> *63. Similarly* ***the fact that the parties may be contemplating or negotiating a termination of a relevant relationship, or even that they have reached agreement in principle that the relationship will***

[18] *AC 250, para 5*
[19] 2918 (Comm) [2019] Bus LR 1166 ('*Rukhadze 2918*'), per Cockerill J,

> ***be terminated, does not result in duties ceasing to be owed**. See Bhullar's case itself and Pennyfeathers Ltd v Pennyfeathers Property Co Ltd [2013] EWHC 3530 (Ch) at [58]*

76. Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza *in materia* għall-każ odjern, din il-Qorti tibda b'referenza għall-irwol li kellu l-appellant Joseph Mizzi fil-kumpanija appellata. Il-kuntratt tal-impieg tiegħu datat l-1 ta' Frar 1991 jipprovdi illi:

> "*1. The employer will employ the manager for an indefinite period who will well and truly serve the employer for a term of minimum of one year from the 1st day of February 1991 in the capacity of General Technical Manger in Malta or at such other place overseas as the employer may from time to time decide.*
>
> *2. The manager is to devote he whole of his time and attention to the general management superintendence and improvement of and general assistance in the employer's contracting business using therein the utmost of his power, skill and ability and not engaging in any other trade or business which may result in direct competition with that of the employer at any time during the said term.*
>
> *3. The manager is also to comply with all special requirements of the employer in relation to the said business and to obey readily all special orders and instructions of the employer.*
>
> *4. The manager will not divulge or disclose to any person, persons or companies whomsoever, the secrets entrusted to him or arising or coming to his knowledge n the course of his employment or otherwise wither in relation to the said trade or business or to the private concerns of the employer.*
>
> *5. During such period as aforesaid the general duties of the manager shall be as follows:*
> *a) General Technical Assistance and interpretation to the Board of Directors.*
> *b) <u>Participating when required at meetings</u> to discuss:*
> *Progress*
> *<u>Policy</u>*
> *Planning*
> *Forecasting*
> *Organising*
> *Coordinating*

> *c) Technical advise on all aspects of Contract Works and Agencies.*
> *d) <u>Negotiating and agreeing agency agreements and agency contracts</u> in liaison with his immediate superiors.*
> *e) Any other works required, which in his employer's jurisdiction is considered compatible to the manager's position.*
> *f) During the above negotiations, the manager is to do all in his power to involve ASSOCIATED SUPPLIES LTD for the provision of any labour whether local and/or imported in the execution of the works connected with any agency Agreements and/or agency contracts."*[20]

77. Għalkemm **Artikolu 1124A tal-Kapitolu 16** daħal fis-seħħ fl-2004, u ċjoè żmien wara li l-konvenut Mizzi ffirma l-kuntratt t'impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, għandu jingħad li l-prinċipju t'obbligazzjoni fiduċjarji hija riproduzzjoni ta' prinċipju ta' dritt applikabbli diġà fid-dritt Ruman. Dan ġie miżmum fis-sentenza **Anthony Caruana & Sons v. Christopher Caruana** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014:

> "Din il-Qorti tara' li filwaqt li hu veru li l-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili dahal fis-sehh wara li sehhew il-fatti meritu ta' din il-kawza, dak l-artikolu ma hu xejn hlief riproduzzjoni ta' principju ta' dritt applikabbli gia` fid-dritt Ruman fejn kien meqjus bhala "*a parasitic institution*" (ara <u>Lee</u>, "The Elements of Roman Law", pagna 340), mhux bhala kuntratt imma bhala li jimponi <u>obbligi addizzjonali</u> ghal dawk kuntrattwali fil-kaz ta' certi kuntratti. Il-kuncett ta' obbligazzjonijiet fiducjarja lanqas ma hu marbut necessarjament mal-kuncett ta' trusts li dahal fis-sistema maltija b'mod komplut fl-1 ta' Jannar 2005 u hu ta' applikazzjoni generali f'kull kaz li dak li jkun ikun qed jagixxi f'interess ta' haddiehor meta allura hu mistenni li jagixxi bid-debita attenzjoni u kura. Kif qalet il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, fil-kaz **Cordina v. Cordina**, deciza fis-26 ta' Settembru 2007, bl-introduzzjoni tal-Artikolu 1124A fil-Kodici Civili, is-sitwazzjoni "*giet hafna aktar iccarata*", pero` ma giex mahluq kuncett gdid. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Messina v. Galea** deciza fil-5 ta' Jannar 1881, il-ligi Rumana kienet u ghada il-"*ius comune*" ta' Malta u, "*nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane*". Il-kuncett ta' fiducja bejn il-principal u r-rapprezentant tieghu ilu jezisti fl-istorja legali taghna, u meta tqis li l-konvenut kien jokkupa kariga ta' General Manager, huwa car li l-

[20] Paġni 7 – 8.

> ekwita` kienet timponi fuqu doveri u obbligazzjonijiet li jmorru lill-hinn mill-obbligazzjonijiet kuntratwali tiegħu."[21]

78. Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-doveri tal-konvenut Mizzi *qua manager* fi ħdan is-soċjetà attriċi naxxenti mill-kuntratt tal-impieg tiegħu huma tali li neċessarjament jiġbdu magħhom l-obbligazzjonijiet fiduċjarji fit-termini tal-Artikolu 1124A. Il-kuntratt tal-impieg jispeċifika illi wieħed mid-doveri primarji tiegħu kien marbut ma' opportunitajiet relatati ma' *tenders*. Jingħad fi klawsola 5 tal-istess illi fost id-doveri l-konvenut kellu dak ta' "d) Negotiating and Agreeing agency agreements and agency contracts in liasion with his immediate superiors; ... f) During the above nagotiations, the manager is to do all in his power to involve Associated Supplies Ltd for the provision of any labour whether local and/or imported in the execution of the works connected with any agency Agreements and/or agency contracts". Din il-Qorti tqis illi tali doveri, fost diversi doveri oħra, fuq spallejn il-konvenut Mizzi neċessarjament ġabu fuqu mhux biss id-doveri miktuba iswed fuq l-abjad fil-kuntratt ta' impieg imma wkoll id-doveri fiduċjarji fit-termini tal-Artikolu 1124A tal-Kap. 16.

---

[21] Ara wkoll: **Mario Lapira vs Alexander Friggieri pro et noe** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-28 ta' Marzu 2014; **5-Senses Limited et vs. Firas Aboulezz** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Lulju 2022 (mhux appellata); **L-Avukat Tony De Gaetano et vs Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) diversament preseduta fil-25 ta' Jannar 2023; u **Maria Dolores *sive* Doris Mallia et vs David Bondin et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) diversament preseduta fit-23 ta' Mejju 2024.

79. Joseph Rizzo għas-soċjetà attriċi fisser li huwa kien iħalli lil Mizzi jagħmel xogħlu u ma kienx joqgħod jindaħal f'kull ħaġa li kien jagħmel Mizzi. Dan jikkonfermah Mizzi stess meta fix-xhieda tiegħu jgħid li Rizzo kien qallu li m'għandux għalfejn joqgħod jibgħatlu kull korrispondenza li tiġi skambjata mal-klijent tagħhom. Huwa evidenti mill-atti li Mizzi kellu livell għoli ta' diskrezzjoni fix-xogħol tiegħu u kellu *mano libera* biex jikkomunika mal-klijenti u jagħmel dak li kien l-aħjar, dejjem fl-interess ta' min iħaddmu. Huwa Mizzi stess, li jikkonferma li huwa kien l-unika wieħed fi ħdan ASL li jaf dwar l-inġinerija ta' *power station* u dan għarfitu BWSC ukoll meta fl-abbozz tal-*Advisory Agreement* kienet indikat lil Mizzi bħala l-persuna responsabbli tal-proġett.

80. Jirriżulta illi l-intopp li wassal għall-kollass tan-negozjati bejn is-soċjetà attriċi u BWSC kien l-insistenza da parti ta' din tal-aħħar illi l-ftehim bejniethom jiġi fi tmiemu jekk Mizzi ma jibqax jippresta s-servizzi tiegħu ma' ASL.

81. Din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, ma temminx il-verżjoni tal-konvenut Mizzi meta jagħti l-impressjoni li r-relazzjoni li huwa stabbilixxa ma' BWSC wara li rriżenja minn ma' ASL kienet waħda każwali. Anzi, minn eżami tal-provi huwa aktar minn probabbli illi dak li seħħ mhux talli ma seħħx b'kumbinazzjoni imma addirittura kien kollu ppjanat sa miż-żmien li l-konvenut kien għadu impjegat ma' ASL. Hija verament

inspjegabbli kif Mizzi, li kien fi stat ta' konvalexxenza, jippubblika ittra f'gazzetta lokali illi seta' faċilment jantiċipa li ser turta lid-diriġenti tas-soċjetà attriċi. Seta' faċilment jantiċipa illi dik l-ittra tiegħu ser iġġib reazzjoni ħarxa mill-prinċipal tiegħu; kif fil-fatt ġara. Appena Rizzo għal ASL kitiblu b'diżaprovazzjoni għal dak li ġara, il-konvenut Mizzi kien pront irriżenja minn mas-soċjetà attriċi, addirittura b'effett retroattiv. Huwa aktar milli evidenti illi dik l-ittra ma kienet xejn għajr *messa in* xena sabiex jinħoloq il-pretest li l-appellant uża bħala skuża sabiex jirriżenja mill-impieg tiegħu ma' ASL.

82. In atti hemm provi li juru illi meta l-konvenut kien għadu impjegat mas-soċjetà attriċi rikoverat id-dar tiegħu wara intervent kirurġiku, li ltaqa' ma' rappreżentant ta' BWSC li żaru d-dar. Kif żvolġew l-affarijiet fil-ġimgħat u fix-xhur sussegwenti bejn il-konvenut Mizzi u BWSC, huwa aktar milli evidenti li kien f'dak il-mument li tfassal il-pjan kif Mizzi jinqata' minn ma' ASL u jibda jaħdem direttament ma' BWSC fuq it-*tender* tal-estensjoni tal-*Power Station*, ħidma li sal-mument li rriżenja Mizzi kien qed jaħdem fuqha għan-nom tas-soċjetà attriċi.

83. L-Ewwel Qorti rraġunat illi "... l-inkontru li l-konvenut kellu mal-uffiċjal tal-BWSC, kundatt dan illi kien ġab fil-kors tal-impieg tiegħu ma' ASL, waqt il-perjodu ta' konvalexxenza huwa ta' sinifikat kbir u aktar illi meta sabu ruħhom ras imb'ras il-konvenut u Jensen iddiskutew il-

kwistjoni tat-tender u ftehmu bejniethom li jibqgħu mexjin fil-pjan tagħhom illi BWSC tapplika għat-tender bl-involviment sħiħ tal-konvenut.” Din il-Qorti ma ssib xejn x’tiċċensura f’dan ir-raġunament. Dak li seħħ wara proprju huwa kompatibbli ma’ pjan maħsub metikolożament u mhux ma fatti li seħħew b’kumbinazzjoni, kif jipprova jagħti l-impressjoni Mizzi.

84. Gialadarba ASL ma aċċettatx il-kondizzjoni imposta minn BWSC illi ftehim eventwali bejniethom jisfaxxa kemm-il darba Mizzi ma jibqax involut, naturalment bħala impjegat ma’ ASL; Mizzi, *qua Manager* ta’ ASL, ma kellux l-għażla libera illi jirriżenja minn ma’ ASL u jibda jaħdem direttament ma’ BWSC *tramite* kumpanija tal-familja tiegħu. Ir-relazzjoni sal-livell ta’ negozjati stabbilita bejn ASL u BWSC hija relazzjoni li huwa minnu li seħħet bil-ħidma ta’ Mizzi. Però fil-kwalità tiegħu ta’ *Manager* ta’ ASL u għalhekk, tenut kont tal-obbligi fiduċjarji tiegħu, ma seta’ bl-ebda mod jinvolvi ruħu direttament ma’ BWSC fuq dak il-proġett, ġaldarba rriżenja minn ma’ ASL.

85. Essenzjalment il-ksur tal-obbligi fiduċjarji da parti tal-konvenut Mizzi huwa l-użu ta’ informazzjoni li kiseb waqt li kien jaħdem ma’ ASL. L-informazzjoni li kiseb huma (a) li BWSC kienet serjament interessata li tipparteċipa fil-proċess tat-*tendering* għal estensjoni tal-*Power Station* ta’ Delimara, (b) li BWSC kellha l-għodod u mezzi sabiex tkun waħda mill-kontendenti potenzjali fil-proċess tat-*tendering*, (ċ) il-persentaġġ li BWSC

kienet lesta tħallas għall-assistenza[22]; u (d) il-kuntatti li bħala *manager* ta' ASL stabbilixxa mad-diriġenti ta' BWSC.

86. Dwar senserija, Mizzi jenfasizza li dak li ħa kien ħlas tax-xogħol li għamel ma' BWSC. iżda mbagħad in kontroeżami miżmum fl-4 ta' Lulju 2022 jirreferi għalihom bħala *commission*: "*Il-pagament li kellha tiehu Typeset kien 1% tal-valur tal-kuntratt. Il-1% jiena hadtu recorded. Jiena ma hadtx commissions ohra minghand BWSC u l-commissions kollha ittiehdu minn Typeset Limited*." Din mhijiex l-ewwel darba li fil-fatt il-persentaġġ maqbul kien attwalment meqjus bħala *commission*. L-abbozz tal-*Advisory and Cooperation Agreement* li kien ser jiġi ffirmat bejn ASL u BWSC huwa identiku bħal l-*Advisory and Cooperation Agreement* li ġie ffirmat bejn Typeset u BWSC.

87. B'*email* mibgħuta minn Mizzi lil Martin Kok Jensen ta' BWSC fit-8 t'April 2005, huwa kien informa li ASL kienet ser titħallas "2*% commission on 4 Stroke and 3% on 2 Stoke if we succeed to convince Enemalta*"[23]. Però kif inhuwa evidenti fiż-żewg *Advisory and Cooperation Agreements* imsemmija, il-kelma *commission* ma ntużatx u dan proprju għal din ir-raġuni: f'*email* mibgħuta fit-23 ta' Mejju 2004, Martin Kok Jensen informa lil Joseph Mizzi u kkopja wkoll lil Joseph Rizzo u Anders Langhom, li

[22] Għaliex apparti li huwa ra l-*Advisory and Cooperation Agrrement*, kien huwa stess li informa lil Jensen bil-persentaġġi.
[23] Paġna 197.

"*Having noted your proposal for such cooperation – including the local marketing assistance that we foresee being most essential – we hereby take pleasure in confirming that we can agree on the differentiated remuneration (for several reasons, we prefer the work remuneration instead of commission)"*[24]. Anke kif ikkonferma Jensen in kontroeżami, il-ħlas kien persentaġġ tad-dħul totali li kienet ser tagħmel BWSC mill-proġett.

88. Dwar l-aggravju tal-appellanti li fi kwalunkwe każ il-Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni t-taxxa tad-dħul li s-soċjetà appellanti ħallset lill-Kummissarju tat-Taxxi fuq l-ammont li l-appellanti rċeviet minn BWSC, din il-Qorti tqis tali aggravju bħala infondat.

89. Is-**sub inċiż 5 tal-Artikolu 1124A** jipprovdi illi persuna soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji li tikser dawk l-obbligazzjonijiet tkun marbuta li trodd lura kull proprjetà flimkien mal-benefiċċji l-oħra kollha miksuba minnha, sew direttament sew indirettament, lil min ikun dovut id-dmir. L-attriċi għandha l-jedd għall-"benefiċċji … kollha" li tħallsu lil min kien dovut id-dmir. Mhux eskluż li b'effett ta' din is-sentenza l-konvenuti jew min minnhom għandhom jedd għal xi rifużjoni ta' taxxa tad-dħul imħallsa, imma dik hija materja li ma tolqotx il-jedd tal-attriċi li tirċevi fl-

[24] Paġna 196.

intier tiegħu l-ammont riċevut mis-soċjetà appellanti bi ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji da parti tal-konvenut.

90. Mill-atti jirriżulta li s-soċjetà Typeset Ltd irċeviet wieħed fil-mija (1%) fuq il-prezz tal-kuntratt u ċjoè fuq is-somma ta' €164,950,000. Dan huwa wkoll evidenti minn fatturi ppreżentati mill-konvenut.[25] L-ammont li s-soċjetà kjamata in kawża rċeviet in konnessjoni mar-rebħ tat-*tender* minn BWSC huwa ta' €1,697,658.25.[26]

91. Dwar l-involviment ta' Typeset - L-appellanti jinsistu li bejn is-soċjetà attriċi u l-kjamata in kawża m'hemm l-ebda rabta ġuridika. L-Ewwel Qorti waslet sabiex tikkonkludi li Typeset Ltd hija leġittimu kontradditur wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjoni:

> "Bħala fatt jirriżulta li qatt ma sar negozju bejn is-soċjetà attriċi u dik kjamata in kawża. Lanqas ma jirriżulta li b'xi mod jew ieħor inħolqot relazzjoni direttament bejn iż-żewġ soċjetajiet imsemmija. Madanakollu, wara li għamlet reqqa valutazzjoni tal-provi kollha in atti, il-Qorti ssib illi r-raġuni għaliex is-soċjetà Typeset Company Limited ġiet kjamata in kawża huwa proprju għaliex fi stadju ferm inoltrat tal-proċeduri rriżulta li din daħlet f'relazzjoni ġuridika ma' BWSC wara li allegatament il-konvenut aġixxa tramite Typeset. Irriżulta wkoll illi kienet proprju Typeset li rċeviet il-ħlas rappreżentanti commissions li s-soċjetà attriċi tgħid huma ħlasijiet dovuti lilha. Minn dan isegwi li bil-mod ta' kif svolġew il-fatti nħoloq ness ġuridiku li jagħmel lis-soċjetà kjamata in kawża leġittima kontradittriċi għat-talbiet attriċi. Jekk is-soċjetà attriċi għandiex raġun fil-mertu tat-talbiet tagħha hija kwistjoni oħra li l-Qorti għad trid tittratta u tiddeċiedi aktar il-quddiem f'din is-sentenza."

---

[25] Paġni 924, 925,927.
[26] Ara paġna 928.

92. **Artikolu 1124A (3) (b)** jipprovdi li

> "(3) Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu minn imġieba meta persuna – […]
>
> (b) meta tkun terza persuna, taġixxi meta tkun taf, jew meta tkun raġonevolment mistennija li tkun taf, miċ-ċirkostanzi, bil-ksur ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji mill-fiduċjarju, u tirċievi jew xort'oħra takkwista proprjetà jew tagħmel qligħ ieħor mill-għemil jew permezz tal-għemil tal-fiduċjarju."

93. Il-provi in atti juru illi l-konvenut Mizzi uża lis-soċjetà Typeset sabiex tkun hi fuq il-karta li tidher qed tassisti lil BWSC fit-*tendering process* u mhux hu direttament. Kif rajna, il-konvenut Mizzi huwa kważi s-sid assolut tagħha. Dak li daħlet Typeset spiċċa prattikament fil-but ta' Mizzi. Kienet għalhekk korretta l-Ewwel Qorti meta, b'applikazzjoni tas-sub inċiż 3 (b) tal-Artikolu 1124A, ikkonsidrat lis-soċjetà konvenuta bħala terza persuna li aġixxiet meta kienet raġonevolment mistennija li tkun taf bil-ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji da parti tal-konvenut Mizzi għad-detriment tas-soċjetà attriċi.

94. Tqis għalhekk mit-tieni sal-ħames aggravji infondati u qed tiċħadhom.

**Is-Sitt Aggravju**

95. B'dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta fis-sentenza finali tagħha kkundannathom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

96. Ġaladarba l-aggravji kollha tal-appellanti qed jiġu miċħuda, anke dan l-aggravju huwa destinat ifalli. **Għalhekk tiċħad ukoll is-sitt aggravju**.

**Appell minn Digriet mogħti wara rikors *Ab Omissa Decisio*.**

97. B'rikors tad-9 ta' Ottubru, 2023 is-soċjetà attriċi, wara li ppremettiet illi fost it-talbiet tagħha kien hemm talba għall-imgħax li ma ġietx deċiża mill-Ewwel Qorti fis-sentenza finali tal-4 ta' Ottubru, 2023, talbet lill-Ewwel Qorti sabiex "ai termini tal-artikolu 235 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tiddeċiedi l-kwistjoni dwar l-imgħax li għandu jiddekorri fuq is-sorte li ġew ikkundannati li jħallsu l-Intimat u l-kjamata fil-kawża in solidum u l-ispejjeż tal-protest ġudizzjarju bin-numru 530/09 ...".

98. Il-konvenut u l-kjamata in kawża rrispondew b'risposta tal-1 ta' April, 2024, li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbu lill-Ewwel Qorti "tiċħad għal kollox it-talbiet kontenuti fir-rikors tas-soċjetà attriċi ASL tad-9 ta' Ottubru, 2023 u għandha tordna li l-istess soċjegta' attriċi ASL tħallas l-ispejjeż kollha konnessi ma' dan l-imsemmi rikors."

99. B'digriet kamerali tas-27 ta' Lulju, 2024, l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi "Tilqa' t-talba fis-sens illi tordna l-ħlas tal-imgħax in solidum mid-data tas-sentenza. Tordna wkoll il-ħlas tal-ispejjeż tal-protest ġudizzjarju".

100. Il-konvenut u l-kjamata fil-kawża appellaw minn dak id-digriet b'rikors tat-30 ta' Lulju, 2024, li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbu lil din il-Qorti "tħassar u tirrevoka d-digriet ... tad-9 ta' Ottubru, 2023 .... u minflok tipprovdi billi tiċħad l-istess rikors u t-talbiet hemm kontenuti fl-istess rikors tad-9 ta' Ottubru, 2023 fl-interita' tagħhom."

101. Is-soċjetà attriċi rrispondiet b'risposta tat-12 ta' Settembru, 2024 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbet li l-appell mid-digriet jiġi miċħud.

102. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, il-konvenut u l-kjamata in kawża jattakkaw id-digriet appellat bħala null u irritwali. Jirreferu għall-**artikolu 235 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li testwalment jipprovdi li qorti għandha tiddeċiedi tali rikors "wara li l-partijiet jiġu mħarrkin mill-ġdid". Jissottomettu illi kellhom dritt li fuq dak ir-rikors isir smigħ sabiex "jgħidu dak li għandhom xi jgħidu u jiddefendu l-pożizzjoni tagħhom". Jitolbu għalhekk illi d-digriet għandu jiġi mħassar.

103. Dan l-aggravju huwa fondat.

104. **Artikolu 235 tal-Kap. 12** jipprovdi:

> "Meta l-qorti tal-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti, ma jingħatax appell ab omissa decisione:
>
> Iżda, kull waħda mill-partijiet tista', fiż-żmien ta' ħmistax-il jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors, titlob lill-qorti tal-ewwel grad li taqta' dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jiġu mħarrkin mill-ġdid, il-qorti tiddeċiedi fuq dik it-talba; f'dan il-każ, iż-żmien għall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-aħħar deċiżjoni:
>
> Iżda, ukoll, kull waħda mill-partijiet tista', f'kull żmien li jkun, titlob quddiem il-qorti tal-ewwel grad, bil-mezz ta' rikors ġuramentat, id-deċiżjoni tat-talba li ma ġietx deċiża."

105. Il-jedd li jiġi ntavolat rikors *ab omissa* ma hux mogħti esklussivament lill-attur, imma lil kull parti, nkluż allura lill-konvenut, lill-kjamat in kawża u lill-intervenut fil-kawża.

106. Il-kliem adoperat fl-artikolu appena ċitat, u cjoè li l-qorti tal-ewwel grad ma tagħtix deċiżjoni jekk mhux "wara li l-partijiet jiġu mħarrkin mill-ġdid", ma jagħti lok għal ebda inċertezza fl-interpretazzjoni. Ir-rekwiżit li parti tiġi mħarrka mill-ġdid ifisser illi r-rikors mhux biss irid jiġi notifikat lill-kontro parti imma wkoll li jrid jingħata smigħ quddiem il-qorti. Dan ir-rekwiżit huwa ta' ordni pubbliku u għandu jiġi segwit *ad unguem*.

107. Il-ħtieġa ta' smigħ f'tali ċirkostanzi meta l-kawża hija ġa deċiża hija aktar milli evidenti. L-ewwel u qabel kollox jeħtieġ illi fit-trattazzjoni ta' tali

rikors, il-promotur tiegħu jikkonvinċi lill-qorti illi tħalliet talba mhux deċiża. Mhux neċessarjament l-ommissjoni ta' deċiżjoni fuq talba hija kwistjoni paċifika bejn il-partijiet. Din il-Qorti kif kolleġjalment komposta kellha l-okkażjoni tiddeċiedi illi rikors intavolat bis-saħħa tal-Artikolu 235 tal-Kap. 12 ma kienx fondat għaliex ma kienux jirriżultaw l-estremi ta' nuqqas ta' deċiżjoni ta' talba attriċi. (Ara **Bank of Valletta p.l.c. v. Willsmart Limited et** mogħtija fit-18 ta' Ġunju, 2024).

108. Jekk imbagħad jirriżulta li verament fis-sentenza ma ġietx deċiża talba attriċi jew rikonvenzjonali, allura tali talba trid tiġi deċiża b'sentenza mogħtija f'seduta pubblika. (Ara **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** - " ... is-sentenza għandha tingħata pubblikament .....").

109. Dan neċessarjament ifisser illi l-partijiet kellhom jiġu msejħa quddiem l-Ewwel Qorti u l-istess Qorti kellha tiddeċiedi fuq it-talba mħollija barra fis-sentenza finali f'seduta fil-Qorti fil-miftuħ, li fiha l-partijiet ikunu msejħa biex jidhru. Dana wkoll sabiex fl-eventwalità li l-Qorti tiddekreta li verament jirriżulta li talba ma ġietx deċiża, jiġi assigurat illi ż-żmien għall-appell mis-sentenza kollha jew minn kull parti minnha jibda jgħodd minn dakinhar ta' din l-aħħar sentenza. (ara **Donna Grech v. Carmelo Grech** - Appell Superjuri - 6 ta' Ottubru, 1999).

110. **Għaldaqstant qed tilqa' dan l-aggravju u tħassar id-digriet tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' Lulju, 2024.**

111. *In vista* tat-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti kif ukoll tad-deċiżjoni li waslet għaliha, mhux il-każ li l-atti jiġu rimessi lill-Ewwel Qorti għall-konsiderazzjoni ulterjuri.

112. Tqis illi verament li fis-sentenza appellata l-parti dispożittiva ma ghamlet l-ebda pronunzjament dwar imgħax.

113. Fir-rikors ġuramentat promotur is-soċjetà attriċi kkonkludiet it-talbiet tagħha b'paragrafu mhux numerat: "Bl-imgħax u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju datat 24 ta' Novembru 2009 bin-numru 530/09 kontra l-intimat li ġie inġunt in subizjoni". L-imħarrkin issottomettew illi n-nuqqas li ġie enumerat dan il-paragrafu jneħħilu l-karattru ta' talba attriċi. Jirreferu għall-**Artikolu 156 tal-Kap. 12** li jipprovdi li "t-talba jew it-talbiet għandhom ikunu enumerati" u jisiltu l-argument illi n-nuqqas ta' enumerazzjoni ta' dak il-paragrafu ma jagħtihx in-natura ta' talba.

114. Jissottomettu illi l-unika eċċezzjoni għal din ir-regola hi fejn tidħol talba għall-ispejjeż peress li skonthom Artikolu 177 tal-Kap. 12 jipprovdi illi talba għall-ispejjeż ġudizzjarji tista' ssir bl-użu ta' kelma waħda *ie*. "bl-

ispejjeż". L-imħarkin jisħqu illi ġaladarba t-talba għall-imgħax ma hix numerata ma tikwalifikax bħala talba u konsegwentement in-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tipprovdi dwarha ma tammontax għal *omissa decisio* u li għalhekk mhux applikabbli Artikolu 235 tal-Kap. 12.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

115. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni illi l-appellanti għandhom idea żbaljata tal-portata tal-**Artikolu 177 tal-Kap. 12**. Dan l-artikolu jipprovdi testwalment illi "Il-klawsola "bl-ispejjeż" titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż." Dan l-artikolu ma hux konċernat mill-ħtieġa *o meno* li talbiet jiġu enumerati imma biss dwar eċċezzjoni għar-regola illi talba għall-kundanna ta' ħlas ta' spejjeż għandha dejjem tiġi kkunsidrata mill-qrati anke meta ma hix imniżżla iswed fuq l-abjad fuq l-att.

116. Din il-Qorti tqis illi r-raġunament tal-imħarrkin illi għaliex talba għall-imgħax ma hix numerata allura m'għandhiex tiġi meqjusa mill-Qorti hija, fl-aħjar ipotesi għall-imħarkin, bizzarra.

117. Hija prassi fl-atti ġudizzjarji illi fejn parti qed titlob l-imgħax fuq somma likwida jew *da liquidarsi* li tniżżel fl-att il-kelma "bl-imgħax", ħafna

drabi mingħajr ma tiġi enumerata, waħidha jew abbinata mal-kelma "bl-ispejjeż", kif għandna fil-każ quddiemna.

118. In-nuqqas li f'att il-kelma "bl-imgħax" ma tiġix enumerata ma jirrendix it-talba għall-imgħax irritwali jew ineżistenti, kif qed jissottomettu l-appellanti.

119. Fi kwalunkwe każ, minn qari tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarkin, ma tirriżulta l-ebda eċċezzjoni li qed tattakka l-validtà ta' xi parti mit-talbiet attriċi.

120. Huwa evidenti li dan l-ilment l-imħarrkin ħolmu bih wara li l-kawża ġiet deċiża. Jekk verament kellhom il-ħsieb li jattakkaw it-talba għall-imgħax għaliex qisuha irritwali, kien jeħtiġilhom li jressqu eċċezzjoni formali fir-rigward fir-risposti ġuramentati rispettivi tagħhom fiż-żmien utili (**Art. 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**).

121. Issib għalhekk illi verament l-Ewwel Qorti naqset milli tippronunzja ruħha dwar it-talba għall-imgħax legali.

122. Fuq is-saħħa tal-prinċipju ta' *in liquidandis non fit mora*, din il-Qorti qiegħda tordna lill-konvenut Mizzi u lill-imsejħa fil-kawża sabiex iħallsu l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammont likwidat u kanonizzat

mill-Ewwel Qorti, liema imgħax għandu jibda miexi mid-data tal-4 ta' Ottubru, 2023, id-data tas-sentenza appellata. (Ara **Edgar Gili et. v. Anthony Tonna** – Appell Superjuri - 26 ta' Novembru, 2024).

***Decide.***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti,

1) **Tiċħad** l-appell tal-konvenut u tal-kjamata in kawża appellanti tal-31 ta' Ottubru, 2023;

2) **Tilqa'** l-appell tal-konvenut u tal-kjamat in kawża appellanti tat-30 ta' Lulju, 2024 għar-raġuni illi l-Ewwel Qorti ma provdietx dwar ir-rikors *ab omissa decisio* b'sentenza imma b'digriet kamerali.

3) **Tħassar** id-digriet tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' Lulju, 2024;

4) **B'żieda** ma' dak ordnat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, tordna lill-konvenut Mizzi u lill-kjamata in kawża jħallsu lis-soċjetà attriċi l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammont likwidat u kanonizzat mill-Ewwel Qorti, liema imgħax għandu jibda miexi mid-data tal-4 ta' Ottubru, 2023, id-data tas-sentenza appellata.

5) **Mill-bqija,** tikkonferma s-sentenza appellata.

**Bl-ispejjeż** kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss